*F'Għeluq il-125 Sena mill-Wasla tal-Istatwa ta' Santa Marija meqjuma fil-Knisja Katidrali ta' Għawdex*

# SANTA MARIJA TA' GĦAWDEX

◆ **Dun Anthony M. Saliba**

Din is-sena (2022) jaħbat egħluq il-125 sena minn meta waslet f'Għawdex l-istatwa patronali ta' Santa Marija, meqjuma b'għożża u b'devozzjoni kbira fil-Knisja Katidrali. Din l-istatwa waslet Għawdex minn Ruma għall-aħħar ta' Lulju tal-1897 u iżżażnet għall-festa ta' Santa Marija ta' dik is-sena.[1] Sa mill-wasla tagħha, l-istatwa bdiet tissejjaħ "Santa Marija ta' Għawdex".

Din l-istatwa tal-Assunta għandha ġrajja partikulari - tista' tgħid unika - fost dawk titulari l-oħra li nsibu fil-Gżejjer Maltin. Mhux l-iskop tiegħi f'din il-kitba li nagħti l-ġrajja kronoloġika tagħha tul dawn il-mija u ħamsin sena.[2] Hawn ser nagħti tagħrif dwar **il-kuntest storiku** li fih waslet biex b'hekk wieħed ikun jista' jifhem aħjar kemm ġrajjiet din l-istatwa ta' Santa Marija huma tabilħaqq imxebilka fi ġrajjiet l-istorja tal-Knisja Nisranija f'Għawdex.

### It-tieni nofs tas-seklu dsatax

Nhar is-16 ta' Settembru tal-1864 il-Papa Piju IX, permezz tal-Bolla *Singulari Amore,* qata' x-xewqa tal-Għawdxin, u waqqaf id-Djoċesi ta' Għawdex. U għażel lill-Matriċi u Kolleġġjata Insinji ta' Santa Marija fil-Belt biex tkun il-knisja Katidrali tagħha.[3] Din l-aħbar ġiet mogħtija fil-Konċistorju tat-22 ta' Settembru, meta tħabbar ukoll li l-Arċipriet tal-Matriċi u Kolleġġjata Insinji ta' Santa Marija Mons. Mikiel Franġisk Buttiġieġ (1793-1866) ġie magħżul bħala l-ewwel Isqof ta' Għawdex.[4] Nhar it-23 ta' Ottubru 1864 Mons. Buttiġieġ għamel l-ingress sollenni tiegħu fil-Katidral ta' din id-djocesi l-ġdida, fost il-ferħ tal-poplu kollu Għawdxi.[5]

It-twaqqif tad-Djoċesi l-ġdida ta' Għawdex ġie iċċelebrat bil-kbir. F'ġurnal ta' dak iż-żmien inkiteb li l-Għawdxin "spared neither labour nor expense to celebrate the three days with as great a pomp



Il-Knisja Matriċi, Kolleġġjata Insinji, u Katidrali ta' Għawdex imżejna għall-Għid tal-Assunta, c. 1890.
*(Kollezzjoni tal-Kan. John Meilak)*

as befits the event."[6] Fi ktejjeb maħruġ għall-okkażjoni ta' dawn il-festi speċjali inkiteb hekk: "Nel pomeriggio (tat-22 ta' Ottubru 1864) due bande musicali mantenevano il brio in tutte le classi della popolazione."[7] Dan id-dettal, ikkonfermat minn sorsi oħra[8], huwa importanti għax jagħtina ħjiel ċar li fl-1864 f'Għawdex kien hemm diġa imwaqqfa żewġ għaqdiet mużikali. Dawn kienu dawk iż-żewġ baned ċkejknin li kienu twaqqfu fis-sena ta' qabel, fl-1863, waħda mis-surmast Adriano Lanzon (1820-1894), komposta minn ħdax-il bandist, u li kienet tissejjaħ "il-Banda ta' Dirjanu" u l-oħra minn George Tabone (1841-1916), issejħet "il-Banda tal-Binu", u kienet magħmula minn tnax-il bandist.[9]

Wara xi snin dawn iż-żewġ baned ċkejknin ingħaqdu f'waħda taħt id-direzzjoni ta' Mro. Adriano Lanzon. Din il-banda bdiet tissejjaħ bl-isem ta' *Albino-Adriano*.[10] Imma fl-1879 inqala' l-inkwiet bejn il-bandisti tagħha fuq l-imsiebaħ li kienu jużaw biex idoqqu wara nżul ix-xemx u ħames bandisti iddecidew li jħallu lil din il-banda.[11] Biex jiġu evitati sitwazzjonijiet oħra bħal dawn, nhar is-27 ta' Mejju tal-1880 il-bandisti tal-banda *Albino-Adriano,* li allura issa kienu jgħoddu tlieta u għoxrin, flimkien

1 G.A. Grech, *Ġrajjiet is-soċjeta' Mużikali u Filarmonika "Leone" Għawdex*, Għawdex 2012, 69-70.

2 Għal ġrajja kompleta tal-istatwa ta' Santa Marija meqjuma fil-Katidral ta' Għawdex ara: G. A. Grech, *L-Istatwa tal-Assunta: Mitt Sena Fostna*, Malta 1997; u J. Bezzina, *Santa Marija Ħamsin Sena l-Katidral 1956-2006*, Malta 2006.

3 Archivum Cathedrale Gaudisiense (= A.C.G.), Bolla *Singulari Amore.*

4 *Narrazione Storica delle Feste celebrate nell'Isola del Gozo in occasione dell'Erezione della Collegiata Matrice in Chiesa Cattedrale e dell'Ingresso Solenne di Mons. D.M. Francesco Buttigieg primo Vescovo dell'Isola medesima*, Malta 1864, 4.

5 Ibid., 17-19.

6 *The Malta Observer*, 27/10/1864.

7 *Narrazione Storica delle Feste,* 5.

8 A. Bonnici, "Mons. Luigi Fernandez, Delegat Pontifiċju, ifisser il-ferħ talli Għawdex sar Djoċesi" in *L-Għid tal-Assunta* 20 (1985), 7.

9 G. A. Grech, op. cit., 9.

10 Ibid., 14.

11 Ibid., 15.

mas-surmast tagħhom, li issa kien Achille Lanzon, iben Mro. Adriano Lanzon, intrabtu b'għadd ta' regoli permezz ta' att notarili li sar għand in-nutar Aoisio Calleja Pace.[12]

Kien f'dan l-istess żmien li tfaċċa persunaġġ ieħor fix-xena kulturali u soċjali ta' Għawdex. Dan kien il-vjolinista żagħżugħ Antonio Buhagiar (1861-1932), magħruf ir-Rabat bħala "Toni ta' Luċija". Lejn l-1880 dan ifforma banda għal rasu, banda ġdida u nhar il-11 ta' Jannar 1881 mar ma' għoxrin persuna oħra għand in-nutar Onorato G. Refalo u, permezz ta' att notarili, waqqaf it-tieni banda fir-Rabat. Din ħadet l-isem ta' *La Stella Vincitrice*.[13] Ħames bandisti mill-għoxrin li jissemmew f'dan l-att notarili huma imsejħa bħala dawk "formanti parte dell'antica società." Din hija referenza ċara għall-banda *Albino-Adriano* li minnha kienu ħarġu dawn il-ħames bandisti minħabba l-inkwiet fuq l-imsiebaħ, u li issa kienet diġa bdiet tissejjaħ, b'mod mhux uffiċċjali, bħala "il-Banda ta' Ljun".

Il-ħabib tieghi l-istoriku Grazio A. Grech, li studja fil-fond l-iżvilupp tal-istorja tal-mużika f'Għawdex, jikteb, "Mat-twaqqif tal-banda La Stella fl-1880, il-mexxejja tas-Soċjeta' Filarmonika Leone ħassew il-ħtieġa u l-bżonn li jagħtu isem uffiċċjali lis-Soċjeta' tagħhom."[14] Għalhekk nhar is-6 ta' Frar 1881, permezz ta' att notarili għand in-nutar Carmelo Gauci, is-surmast u l-membri tal-*antica societa'* ikkonfermaw li l-isem uffiċjali tal-banda *Albino-Adriano* huwa Banda *del Leone*.[15] Mela, fis-sena 1881 f'Għawdex kien hemm żewġ baned: dik *del Leone* frott tal-għaqda taż-żewġ baned "tal-Binu" u "ta' Dirjanu" li kienu twaqqfu fl-1863[16] u dik *La Stella* li waqqaf Mro. Antonio Buhagiar fl-1880.

Wieħed irid jgħid li l-iskop li għalih twaqqfu dawn iż-żewġ baned ma kienx biss wieħed kulturali u soċjali imma wkoll biex il-membri tagħhom, permezz tal-mużika, jaqilgħu dik xi ħaġa żejda tal-flus għall-familja tagħhom. Dawk kienu żminijiet ta' faqar. Dan il-fatt mill-ewwel qajjem ċertu kompetizzjoni li wasslet anke biex nisslet il-pika bejniethom. U, kif ser naraw iktar ' il quddiem, din il-pika ma baqgħetx biss bejn dawn iż-żewġ għaqdiet mużikali imma spiċċat biex daħlet fl-istrati kollha tal-ħajja soċjali tar-Rabat, inkluż dik reliġjuża u parrokkjali ta' dawk iż-żminijiet.

**Il-Parroċċa tar-Rabat ta' Għawdex**

Fi tmiem tas-seklu dsatax fir-Rabat ma kienx hemm iż-żewġ parroċċi li hemm illum. Kien hemm parroċċa waħda, dik tal-Katidral. U dan kien ilu hekk sa mis-sena 1688.

Immorru issa lura b'iktar minn tliet mit sena. Mill-viżta apostolika ta' Mons. Pietru Dusina nafu li sal-1575 f'Għawdex kollu kien hemm erba' parroċċi. Fl-*opidulum*[17], il-Belt ċkejkna ta' Għawdex, kien hemm l-*Ecclesia Assumptionis Beatae Mariae insula Gaulorum*[18] - il-knisja parrokkjali tal-Assunzjoni ta' Santa Marija, li Mons. Dusina sejjaħ bħala l-*principalem Ecclesiam Castri dictae Insulae* - il-knisja ewlenija tal-Belt ta' Għawdex.[19] Fir-Rabat - "is-subborg" ta' dan l-*oppidulum*[20] - kien hemm tliet parroċċi oħra żagħar: dik tan-*Nativitas Beatae Mariae*[21] - tat-Twelid tal-Madonna "ta' Savina", ta' *Sancti Jacobi parrochialis*[22] - ta' San Ġakbu fit-Tokk, u l-*Parrochia Sancti Georgij*[23] - dik ta' San Ġorġ. Mill-istess viżta ta' Mons. Dusina nafu wkoll li l-knisja parrokkjali ta' Santa Marija fil-Belt kienet il-parroċċa ta' Għawdex kollu: "la parrocchia di questa Isola del Gozzo sotto l'invocatione di Santa Maria dell' Assuntione".[24] Fil-fatt din il-parroċċa kellha taħt il-ħarsien tagħha l-gżira kollha ta' Għawdex, minbarra s-subborg tal-Belt li allura kien maqsum f' tliet kwartieri żagħar u kull wieħed minn dawn kellu l-knisja parrokkjali tiegħu.

L-ewwel ħjiel dokumentat li għandna tal-knisja parrokkjali ta' Santa Marija fil-Belt jeħodna lura

12 *Att notarili*, 27/5/1880, tan-nutar A. Calleja Pace. (Ħajr lil J. Farrugia li għaddieli kopja ta' dan id-dokument.) Ara wkoll G. A. Grech, op. cit., 20-21.

13 *Att notarili*, 11/1/1881, tan-nutar O. G. Refalo. (Ħajr lil J. Farrugia li għaddieli kopja ta' dan id-dokument.). Ara wkoll G. A. Grech, op. cit., 18-19.

14 G. A. Grech, op. cit., 24.

15 *Att notarili*, 6/2/1881, tan-nutar C. Gauci. (Ħajr lil J. Farrugia li għaddieli kopja ta' dan id-dokument).

16 L-evoluzzjoni tal-Banda *del Leone* tista tiġi murija b'dan il-mod: "il-banda tal-Binu" u "l-Banda ta' Dirjanu" (imwaqqfa fl-1863) → Banda *Albino-Adriano* (l-għaqda taż-żewġ baned "tal-Binu" u "ta' Dirjanu") → Banda *del Leone* (l-isem *Albino-Adriano* jinbidel f'Banda *del Leone* u jiġi ikkonfermat b'mod uffiċjali fl-1881).

17 Hekk issejħet il-Belt ta' Għawdex mis-saċerdot u kavallier tal-Ordni ta' San Ġwann Jean Quintin fl-1536: ara J. Quintin, *Insulae Melitae descripti,* Lyons 1536, pagna 12 tal-microfilm ta' dan it-test li użajt hawnhekk u li jinsab fin-New York Public Library, 5th Avenue, NYC.

18 G. Aquilina – S. Fiorini (eds), *Documentary Sources of Maltese History (=D.S.M.H.) Part IV, Documents at the Vatican No. 1, Archivio Segreto Vaticano, Congregazione Vescovi e Regolari, Malta: Visita Apostolica no. 5, Mgr Petrus Dusina*, Malta 2001, 135.

19 Ibid.

20 It-terminu "rabat" gej mill-Għarbi "rabad" (Roq, ba, dod), bl-aċċent fuq l-ewwel "a" u jfisser "ħajt", "sur tal-belt" jew "abitanti li joqgħodu 'il barra mill-belt". B'dan il-mod, l-isem "Rabat", kif użat f'Għawdex, ifisser "subborg", lokalità abitata 'l barra mis-swar tal-Belt. Ara D.A. Agius, *Siculo Arabic,* New York 1996, 252; ara wkoll F. Steingass, *Arabic-English Dictionary*, New Delhi 2005, 398.

21 Ibid., 142.

22 Ibid.

23 Ibid., 140.

24 Ibid., 228.



Id-digriet li bih nhar is-6 ta' Gunju 1623 l-Isqof Baldassare Cagliares (1575 – 1633) iddefenixxa t-territorji taż-żewġ parroċċi ta' Għawdex.
*(Archivum Episcopale Gaudisiense, Rabat - Għawdex)*

għas-sena 1299,[25] u dan jagħtina indikazzjoni ċara li l-oriġini ta' din il-parroċċa huma Biżantini[26]. Mhux l-iskop tiegħi li nidħol fid-dettal tal-istorja bikrija ta' din il-parroċċa għax dan għamiltu f'kitbiet oħra.[27] Ngħid biss li fil-viżta apostolika tiegħu, Mons. Pietru Dusina jsejjaħ lil din il-knisja parrokkjali ta' Santa Marija bit-titlu ta' "Matriċi".[28] Dan it-titlu, pero', meta applikat għal din il-knisja parrokkjali, huwa ferm eqdem mill-1575. Fl-1435 din il-knisja kienet diġa imsejħa bħala "*Sancte Marie Matriċis Ecclesie*".[29] Dan juri li f'dak iż-żmien mill-parroċċa ta' Santa Marija kienet diġa tnisslet tal-inqas parroċċa oħra. Ma nafux liema kienet din. Fid-dokument importanti tal-*Anno Santo* tal-1450 hemm msemmija tliet parroċċi: dik Matriċi ta' Santa Marija fil-Belt imsejħa *intra,* "ta' ġewwa" mill-ħitan tal-Belt, u tnejn oħra fis-subborg tagħha: dik ta' San Ġakbu fit-Tokk u l-oħra ta' San Ġorġ.[30] L-ordni li fiha jissemmew dawn it-tliet parroċċi jindika l-importanza u l-anzjanita' tagħhom. L-eqdem ħjiel li għandna tal-parroċċa ta' San Ġakbu jmur lura għas-sena 1449.[31] Min-naħa l-oħra dan id-dokument tal-*Anno Santo* tal-1450 hu l-ewwel referenza li waslet għandna sa issa tal-parroċċa l-oħra ta' San Ġorġ. Fir-Rabat, però, minbarra dawn iż-żewġ parroċċi kien hemm oħra: dik ta' *Sanctae Mariae Savina,* iddedikata lit-Twelid tal-Madonna li l-eqdem tagħrifa li għandna tagħha iġġib id-data tal-1479.[32] Jekk wieħed pero' jistudja sewwa l-preċedenza li dejjem inżammet bejn dawn it- tliet parroċċi tar-Rabat, jista' faċilment jikkonkludi li dik ta' Savina kienet aktarx l-eqdem knisja parrokkjali li kien hemm f'dawk iż-żminijiet, 'il barra mis-swar tal-Belt.

U kif kienet ir-relazzjoni ta' bejn dawn it-tliet parroċċi *extra muros* u dik ta' Santa Marija fil-Belt? Qabel xejn tajjeb li jingħad li dawn l-erba' knejjes parrokkjali kienu "parroċċi" fil-veru sens tal-kelma. Kull waħda kellha l-kappillan, il-parruċċani, u t-territorju tagħha. Ma kienux "parroċċi batteżimali tal-fewdu", kif darba allega xi ħadd mingħajr ma spjega eżattament x'kellu f'moħħu bi frażi bħal dik.[33] Kif diġa għidt, il-parroċċi tar-Rabat kellhom taħt il-ħarsien tagħhom it-tliet kwartieri tar-Rabat - "*quarterii Rabati"* - filwaqt li l-Belt – l-*opidulum* – u l-bqija ta' Għawdex kienu taħt il-ħarsien tal-parroċċa ta' Santa Marija fil-Belt. Imma filwaqt li fl-1435 il-parroċċa ta' Santa Marija fil-Belt kienet diġa tissejjaħ bit-titlu ta' "matriċi", l-ebda waħda mit-tliet parroċċi tar-Rabat qatt ma ġiet imgħajta b'dan it-titlu.

Il-*Quarternulus pro Concordia taxarum,* magħruf iktar bħala r-*Rollo* tal-Isqof Senatore de Mello de Noto[34], jagħtina indikazzjoni ċara li bejn il-parroċċa ta' Santa Marija fil-Belt u t-tliet parroċċi l-oħra tar-Rabat kien hemm rapport tipiku li wieħed jistenna li jsib bejn "parroċċa omm" u l-"parroċċi filjali (wlied)" tagħha.[35] . Il-kappillani tat-tliet parroċċi tar-Rabat kienu jissejħu "*curatus parrochialis"* filwaqt li dak ta' Santa Marija fil-Belt dejjem issejjaħ bħala "*parrochus".* Dan tal-aħħar kellu wkoll ċertu drittijiet li l-"*curatis parrochialis"* tar-Rabat ma kellhomx, bħal per eżempju d-dritt

25 H. Bresc, "Malta dopo il Vespro Siciliano" in *Melita Historica* 6 (1974) 3, 313-321. Ara wkoll A. M. Saliba, "Anniversarju – 720 sena ilu. Il-Vjatku u t-Testment ta' Guglielmo di Malta" in *Festa Santa Marija 2019, Victoria Għawdex*, 101-109.

26 A. M. Saliba, "780 sena ilu... Ir-Rapport ta' Giliberto Abbate (c. 1241) fi Ġrajjiet il-Belt u l-Parroċċa ta' Għawdex", 82.

27 Ara, per eżempju, A. M. Saliba, "Il-Belt u 'l-Parroċċa ta' Għawdex'", in *Festa Santa Marija 2020,* 81-93.

28 *D.S.M.H. Part IV, Visita Apostolica no. 5, Mgr Petrus Dusina,* 135.

29 J. Busuttil – S. Fiorini (ed)*, D.S.M.H. Part V, Documents in the Curia of the Archbishop of Malta No. 1, The Registrum Fundationum Beneficiorum Insulae Gaudisii 1435-1545*, Malta 2006, 43.

30 G. Aquilina – S. Fiorini, "New Documents relating to the Origins of Religious Orders in Malta" in *Proceedings of History Week 1994*, 14-15. Nota: Ta' min jgħid li l-knisja "Beate Marie" imsemmija f'dan id-dokument mhix il-knisja ta' Santa Marija ta' Savina, kif ingħad meta ġie ippublikat dan id-dokument għall-ewwel darba fl-1994, imma dik Matriċi ta' Santa Marija 'il ġewwa mill-ħitan ("*intra*") tal-Belt ta' Għawdex. Għall-interpretazzjoni koretta ta' dan id-dokument ara J. Bezzina – D. Cilia, *The Gozo Cathedral. Its History and Treasures*, Malta 2017, 80.

31 J. Bezzina – D. Cilia (eds.), op. cit., 115.

32 *D.S.M.H. Part V, Documents in the Curia of the Archbishop of Malta No. 1, The Registrum Fundationum Beneficiorum Insulae Gaudisii 1435-1545,* 68-69.

33 P. Mizzi, *Il-Parroċċa t'Għawdex*, Malta 1997, 44-45, 85-86, 234-236.

34 *D.S.M.H. Part V, Documents in the Curia of the Archbishop of Malta No. 1, The Registrum Fundationum Beneficiorum Insulae Gaudisii 1435-1545,* xvi.

35 A. M. Saliba, "Il-Belt u 'l-Parroċċa ta' Għawdex'", 89.

li jidfen lill-mejtin fil-knejjes u fiċ-ċimiterji kollha tar-Rabat.[36] Mill-viżta apostolika ta' Mons. Pietru Dusina ninnutaw ukoll li mill-erba' parroċċi li kien hemm f'Għawdex f'dak iż-żmien, dik ta' Santa Marija fil-Belt biss kellha l-fonti tal-magħmudija. Dan ifisser li l-magħmudija kienet tingħata biss minn hemm. U jekk kienet issir xi magħmudija f'xi waħda mit-tliet parroċċi tar-Rabat, l-ilma imbierek biex jiġi mogħti dak is-sagrament kellu jinġieb mill-knisja Matriċi fil-Belt.[37] Huma eżatti l-kelmiet tal-istoriku Horatio C. Vella meta qal, "M'hemm l-ebda dubju fuq xi tfisser il-kelma "Matriċi", li bil-Latin tfisser "omm li ġġib fid-dinja l-ulied." (...) din l-omm (i.e. il-parroċċa ta' Santa Marija fil-Belt) mhux biss ġabet l-ulied (i.e. it-tliet parroċċi tar-Rabat), imma saħansitra indukrathom bil-preżenza ta' Isqof li s-sede tiegħu tmur lura għaż-żmien tal-Biżantini, iż-żmien kollu tal-Għarab, sakemm wieħed eżiljat f'Għawdex imur jirreferi għalih fis-seklu tnax."[38]

Il-jiem tal-biża' ta' bejn l-24 u s-26 ta' Lulju tal-1551, l-Assedju l-Kbir ta' Għawdex, ġabu tiġrib kbir fuq dawn l-erba' parroċċi ta' Għawdex. It-Torok ħallew warajhom ħerba tremenda ma' kullmkien.[39] Il-Matriċi ta' Santa Marija fil-Belt ma damitx pero' ma bdiet tirkupra bil-mod il-mod minn dik il-ħerba.[40] Mhux l-istess pero' għandu jista' jingħad għat-tliet parroċċi *extra muros.* Mill-viżta apostolika ta' Mons. Dusina ninnutaw f'liema stat imwiegħer kienu jinsabu t-tlieta li huma fl-1575. Il-knisja parrokkjali ta' Savina kienet nofsha mġarrfa, mingħajr parruċċani, u mingħajr kappillan.[41] L-istess jista' jingħad għal dik ta' San Ġakbu li, bħal Savina, sfat mingħajr parruċċani u abbandunata mill-istess kappillan tagħha li kien telaq lejn Malta.[42] Is-sitwazzjoni f'San Ġorġ ma kienetx aħjar għax fiha la kienet tinżamm l-Ewkaristija u lanqas iż-Żjut Imqaddsa



Is-saċerdoti aħwa Carlo u Domenico Magri. Nhar l-10 ta' Frar 1681 Dun Carlo Magri laħaq Arċipriet tal-Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija fil-Belt.
*(Kollezzjoni ta' Dun Anthony M. Saliba)*

biex jiġu amministrati s-sagramenti. Mons. Dusina sab li saħansitra l-istess kalċi li kien jintuża għall-quddiesa kien imkisser. Il-kappillan tagħha, però, Dun Lawrenz De Apapis kien għadu hemm. Kien l-uniku *curatus parrochialis* li kien fadal 'il barra mill-ħitan tal-Belt, minkejja li bil-lejl hu wkoll kien idabbar rasu u jidħol għall-kenn 'il ġewwa mis-swar tal-Belt.[43] B'sitwazzjoni bħal din quddiem għajnejh, Mons. Dusina, ta' bniedem prattiku li kien, dehrlu li għandu jipprofana lill-knejjes ta' Savina u ta' San Ġakbu, ineħħihom minn parroċċi, u jiġbor kollox fi knisja parrokkjali waħda fir-Rabat, dik ta' San Ġorġ.[44] Wieħed ma jridx jinsa' li Mons. Dusina kien intbagħat fil-Gżejjer Maltin biex, fost l-oħrajn, iġib l-ordni u jinforza r-riformi tal-Konċilju ta' Trentu fil-knisja lokali.[45]

Bil-mod il-mod il-ħajja f'Għawdex bdiet ġejja 'l quddiem, avolja għall-Għawdxin kien għadu żmien diffiċli. L-attakki tal-furbana u tat-Torok kienu għadhom spissi. Tant hu hekk li l-Għawdxin kollha, permezz ta' bandu tal-Gvern Lokali – l-*Universitas,* kienu obbligati jgħaddu l-lejl 'il ġewwa mill-ħitan tal-Belt.[46]

36 Ibid.
37 Ibid., 89.
38 H. C. Vella, "The Earliest Church Register in Gozo: 1554-1628" in *Il-Belt Victoria*, Novembru-Diċembru 2010, 13.
39 G. Bosio, *Dell'Istoria della Sacra Religione et Illustrissima Militia di San Giovanni Gierosolimitano*, parte III, 2da impressione, Napoli-Venezia 1684, 304-305. Ara wkoll il-publikazzjoni ġdida ta' J. Bezzina, *1551 – The Siege that stifled Gozo*, Malta 2021.
40 Archivum Episcopale Gaudisiense (= A.E.G.), *Primus Liber Baptizatorum in parrochia Gaudisii*, 1. Minn dan ir-reġistru, li minkejja li jinsab fil-Kurja tal-Isqof ta' Għawdex jappartjeni lill-knisja Matriċi ta' Santa Marija fil-Belt, ninnutaw li l-ħajja pastorali kienet diġa qabdet sew sa mill-1554, meta nsibu irreġistrata l-ewwel magħmudija nhar is-27 ta' Settembru ta' dik is-sena.
41 *D.S.M.H. Part IV, Visita Apostolica no. 5, Mgr Petrus Dusina,* 142.
42 Ibid.
43 Ibid., 141.
44 Ibid., 141-142.
45 A. Vella, "La Missione di Pietro Dusina" in *Melita Historica* V, 2 (1969), 172.
46 L. Briguglio – J. Bezzina (eds.), *Gozo and its culture: proceedings of the 1995 Lowenbrau Seminar held at L-Imġarr Hotel, Gozo on 3 March 1995*, Malta 1995, 67.

**Iż-żewġ parroċċi ta' Għawdex: "Jitlewwmu għax fil-qrib."[47]**

Fi żmien il-viżta apostolika ta' Mons. Dusina, ir-relazzjonijiet bejn l-erba' parroċċi ta' Għawdex ma kienux dejjem faċli u feliċi. Bejn il-kappillani ta' Savina u ta' San Ġorġ ta' sikwit kien jinqala' l-inkwiet.[48] Meta imbagħad il-knejjes ta' Savina u San Ġakbu tneħħew minn parroċċi, ir-relazzjonijiet ta' bejn iż-żewġ parroċċi li kien fadal, dik ta' San Ġorġ fir-Rabat u l-Matriċi ta' Santa Marija fil-Belt, lanqas kienu dejjem mill-aħjar. Dan l-inkwiet ma kienx minħabba xi pika bejn iż-żewġ knejjes jew bejn il-klassijiet soċjali kif darba qal xi ħadd mingħajr ma iddokumenta.[49] L-inkwiet kien marbut mal-fatt li dan kien żmien ta' faqar... faqar kbir għal kulħadd. U la, kif jgħidu, *kull laqxa tirfed l-imramma*, anke l-kleru ta' Għawdex kien jagħmel minn kollox biex jiddefendi l-interessi personali tiegħu, l-iktar dawk marbuta ma xi gwadann finanzjarju. Kien hemm min fosthom imbagħad li ma kienx isibha bi tqila biex jidħol fuq dak li kien ta' ħaddiehor u jagħmlu tiegħu. Il-problemi komplew jiżdiedu peress li l-limiti taż-żewġ parroċċi li kien fadal f'Għawdex kienu għadhom m'humiex ċari, iktar u iktar wara t-tneħħija tal-knejjes ta' Savina u San Ġakbu minn parrokkjali. Kien għalhekk li nhar is-6 ta' Gunju 1623, l-Isqof Baldassare Cagliares (1575-1633), minbarra li waqqaf mill-ġdid il-Kolleġġjata fil-Matriċi ta' Santa Marija fil-Belt,[50] ħareġ digriet li bih iddefenixxa b'mod ċar it-territorji ta dawn iż-żewġ parroċċi. Lil San Ġorġ ingħatalha s-subborg tal-Belt – ir-Rabat, filwaqt li t-territorju tal-Matriċi u issa Kolleġġjata mill-ġdid ta' Santa Marija kien jinkludi l-Belt, il-bqija ta' Għawdex, u l-gżira ta' Kemmuna.[51] Hawn wieħed irid jinnota li l-Isqof Cagliares ma kienx qiegħed joħloq xi limiti ġodda, imma kien qiegħed jiddefenixxi dak li kien ilu hemm sa minn żmien żemżem[52] għaliex, kif kiteb Mons. Dusina fil-viżta tiegħu tmienja u erbgħin sena qabel, il-Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija kienet il-parroċċa ta' Għawdex kollu. Għidt ukoll li l-Isqof Cagliares waqqaf "mill-ġdid" il-Kolleġġjata għaliex nafu li fl-1463 din il-knisja kienet diġa imżejna b'dan il-ġieh li kien aktarx intesa kawza tat-tiġrib kbir li għadda minnu Għawdex matul is-seklu sittax.[53]

Il-Kapuċċin Patri Pelagju Mifsud, fit-tagħrif storiku li kiteb dwar Għawdex, jgħidilna li għalkemm l-Isqof Cagliares kien iddefenixxa l-limiti tal-Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija u dawk tal-parroċċa ta' San Ġorġ, il-problemi xorta baqgħu jinqalgħu minn żmien għal żmien. Fil-fatt meta fl-1630 Dun Salvatore Pontremoli, l-Arċipriet tal-Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija,[54] ġie mistoqsi dwar il-problemi li kien jiltaqa' magħhom fil-ħidma pastorali, hu wieġeb li kien hemm problema ewlenija li minnha kienu qed jinbtu ħafna oħrajn. Hu qal li l-parroċċa tiegħu kienet magħmula minn familji li kienu joqgħodu 'l ġewwa mill-ħitan tal-Belt imma wkoll minn oħrajn imxerrdin mal-gżira kollha. Anke fir-Rabat kien hemm diversi familji li kienu parruċċani tal-Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija. L-Arċipriet Pontremoli kien qiegħed jinnota li dawn mhux dejjem kienu qed iwettqu l-preċett tal-Għid fejn suppost, ċioè fil-knisja parrokkjali tagħhom. Kien hemm ukoll każijiet fejn il-primizji ġew mogħtija lill-kappillan ta' San Ġorġ, minkejja li dawn suppost għaddew għand l-Arċipriet Pontremoli. Ġie li ġara bil-maqlub u għand l-Arċipriet spiċċa dak li kien dovut lill-kappillan ta' San Ġorġ. Il-fatt li l-bibien tal-Belt kienu għadhom jingħalqu ma nżul ix-xemx minħabba l-biża' tal-egħdewwa kompla kabbar il-problemi bejn iż-żewġ parroċċi, għax waħda kienet 'il ġewwa mis-swar tal-Belt u l-oħra kienet 'il barra minnhom.[55] Problema oħra serja ħafna li semma l-Arċipriet kienet dik li l-poplu ma kienx qiegħed jirċievi t-tagħlim tal-katekiżmu tant meħtieġ u s-sagramenti lanqas kienu qed jiġu mogħtija kif suppost, l-iktar fejn il-limiti taż-żewġ parroċċi ma kienux ċari. Quddiem sitwazzjoni bħal din l-Arċipriet Pontremoli dehrlu li l-uniku mod biex jinħallu dawn il-problemi kien dak li ż-żewġ parroċċi jingħaqdu u jsiru waħda.[56]

M'hemmx dubju li mhux kulħadd kien jaqbel

47 A. Bonnici, *Il-Matriċi Kolleġġjata tal-Assunta u l-Ewwel Parroċċi ta' Għawdex*, Malta 1975, 82.

48 Ibid., 44.

49 Ara P. Mizzi, op. cit., 252 u passim.

50 Ara *Edictum pro Erectione Collegiate et Matricis Ecclesiae Gaudisii Anno 1623, Die 6 Junni* in C. Scicluna – G. B. Gauci, *350 Sena Kolleġġjata 1623-1973*, Malta 1974, 9-12.

51 Archivum Episcopale Gaudisiense (= A.E.G.), *Visitationes Pastorales* (= *V.P.*) 1623, 8v "Divisio Parrocchiarum Insulae Gaudisii."

52 Ibid., 8r. Ta' min jgħid hawn li f'dan id-digriet l-istess Isqof Cagliares ordna lill-Arċipriet tal-Matriċi u Kolleġġjata biex jaħtar viċi-arċipriet bir-residenza tiegħu biswit il-knisja ta' Savina (li allura kienet tranġat u infetħet mill-ġdid) biex meta l-bibien tal-Belt ikunu magħluqa bil-lejl, il-parruċċani tal-Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija li jinzertaw barra mill-Belt jkunu jistgħu jinqdew minn hemm

53 G. Aquilina – S. Fiorini (ed), *D.S.M.H. Part IV, Documents at the Vatican, no. 2: Archivio Segreto Vaticano: Cancelleria Apostolica and Camera Apostolica and Related Sources at the Biblioteca Apostolica Vaticana*, (Malta 2005), 271.

54 Dun Salvatore Pontremoli, iben Paolo Pontremoli u Giacoma Pontremoli, serva ta' Arcipriet tal-Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija fil-Belt bejn l-1621 u l-1655.

55 Archivum Cathedralis Melitensis (= A.C.M.), *Misc. Ms.* 55, 66v (Ħajr lil J. Galea li għaddhieli kopja ta' partijiet minn dan id-dokument.)

56 Ibid.

ma dak li kien qiegħed isostni l-Arċipriet Dun Salvatore Pontremoli. Imma meta illum wieħed iħares lura lejn l-istorja, ma jistax jiċħad il-fatt li l-proposta tal-għaqda taż-żewġ parroċċi kellha l-għan li ġġib l-ordni, li l-affarijiet jibdew jimxu kif suppost, u li l-poplu jkun moqdi aħjar. Wara kollox, dak li ippropona tant snin ilu l-Arċipriet Pontremoli illum sar prassi komuni f'diversi partijiet tal-Knisja Kattolika minħabba n-nuqqas ta' vokazzjonijiet saċerdotali u problemi oħra.

### It-Twaqqif tal-Ewwel Parroċċi fil-Kampanja ta' Għawdex

Lejn nofs is-seklu sbatax, l-Ordni ta' San Ġwann kien ilu jaħkem lill-Gżejjer Maltin għal kważi mija u ħamsin sena. It-tmexxija tal-gżejjer kienet maqsuma fi tlieta: f'idejn il-Granmastru, l-Isqof, u l-Inkwiżitur.[57] Lejn tmiem dan is-seklu il-Gżejjer Maltin intlaqtu minn żewġ diżastri naturali kbar: il-pesta tal-1675 li damet fostna għal sena sħiħa u ħadet magħha wieħed minn kull ħamsa tal-popolazzjoni ta' Malta[58] u t-terrimot tal-11 ta' Jannar 1693 li għamel ħafna ħsara fil-bini kemm f'Malta[59] kif ukoll f'Għawdex.[60] Imma kollox ma kollox, il-ħajja f'Għawdex kienet diġa bdiet ġejja għall-aħjar u dan għaliex il-periklu tal-attakki mill-kursara u t-Torok kien naqas sew. Tant hu hekk li l-liġi tal-*Universitas* li kienet torbot lill-Għawdxin kollha jgħaddu l-lejl 'il ġewwa mill-ħitan tal-Belt tneħħiet nhar it-18 ta' April 1637.[61] It-tisħiħ u l-bini mill-ġdid tas-swar tal-porvli tal-Belt[62] u l-bini tat-torrijiet tal-għassa mal-kosta ta' Għawdex[63] taw lill-poplu ċertu serħan tal-moħħ. U bosta Għawdxin bdew iħallu d-djar ċkejknin tagħhom 'il ġewwa mill-ħitan tal-Belt u s-subborg tagħha u jitferrxu mal-erba naħħiet tal-gżira. Iċ-ċensiment tal-1667[64] li l-Inkwiżitur Galeazzo Marescotti (1627-1726) ordna li jsir mill-Arċipriet tal-Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija Giovanni Antonio Cammilleri u mill-kappillan ta' San Ġorġ Mariano Puglisi juri li iktar min-nofs tal-popolazzjoni tal-gżira kienet diġa xterrdet mal-kampanja Għawdxija. Imma minkejja dan f'Għawdex kien għad hemm żewġ parroċċi biss biex jaqdu lill-poplu kollu tal-gżira. Dik ta' San Ġorġ kienet il-parroċċa tar-Rabat imma dik Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija riedet tlaħħaq mal-bqija kollu ta' Għawdex. L-iktar żewġ inħawi abitati kienu dawk ta' *Xeuchia* (ix-Xewkija), fejn kien hemm jgħammru 403 ruħ f'disgħin dar, u l-inħawi ta' *Garbo* (l-Għarb), fejn kien hemm 324 ruħ jgħixu f'73 dar.[65] Fiż-żmien li fuqu qed nitkellmu, l-Isqof tal-Gżejjer Maltin kien Mons. Michele Gerolamo Molina (1638-1698). Fl-istorja tiegħu ta' Malta u Għawdex, il-Konti Ciantar jikteb, "Gli abitatori del villaggio Sceukia fecero ricorso al Vescovo Molina affine d'essere segregati dalla Chiesa Matrice, e di formare una propria Parrocchia nel loro villaggio, per cagione della distanza di questo dalla detta Matrice...".[66] Dan li jsemmi l-Konti Ciantar seħħ waqt il-viżta pastorali li l-istess Isqof għamel f'Għawdex f'Novembru tal-1678. F'din il-viżta l-Isqof Molina sab li l-popolazzjoni ta' Għawdex kienet xterdet 'il barra mill-Belt u l-idwar tagħha, jiġifieri r-Rabat.[67] Kien għalhekk li nhar is-27 ta' Novembru, l-aħħar jum tiegħu f'Għawdex, l-Isqof Molina ħareġ id-digriet *Habita matura consideratione* li bih waqqaf il-parroċċa tax-Xewkija minn dik tal-Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija.[68] Din kienet l-ewwel parroċċa fil-kampanja Għawdxija.

Ftit xhur wara anke l-abitanti tal-Għarb wrew ix-xewqa li huma wkoll jkollhom il-parroċċa tagħhom. Nhar il-11 ta' Awwissu 1679 ressqu petizzjoni lill-Isqof li fiha fissrulu ir-raġunijiet għaliex kienu qiegħdin jitolbu dan. Min-naħħa tiegħu l-Isqof kien konvint mill-bżonn tat-twaqqif ta' din il-parroċċa ġdida anke għaliex kien osserva li l-kleru tal-Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija ma setgħax ilaħħaq mal-bżonnijiet tal-insara li kienu jgħixu f'dawk l-inħawi. Għalhekk nhar id-29 ta' Awwissu 1679, l-Isqof Molina waqqaf parroċċa oħra ġdida mill-Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija. Din it-tieni parroċċa fil-kampanja Għawdxija ġiet imwaqqfa fil-knisja leġġendarja tal-Madonna tal-

57 A. Bonnici, "Maltese Society under the Hospitallers in the Light of Inquisition Documents" in V. Mallia-Milanes, *Introduction to Hospitaller Malta 1530-1798. Studies on Early Modern Malta and the Order of St John of Jerusalem*, Malta 1993, 314.

58 G. A. Ciantar, *Malta Illustrata (...) del Commendatore F. Giovanni Francesco Abela (...) correta, accrescuita e continovata dal Conte Giovanni Antonio Ciantar*, Lib. III, Not. XI, 189.

59 M. Buhagiar – S. Fiorini, *Mdina: The Cathedral City of Malta*, I, Malta 1996, 215.

60 G.P.F. Agius De Soldanis, *Għawdex bil-Ġrajja Tiegħu*, (traduzzjoni ta' G. Farrugia), Malta 1936, 115.

61 L. Briguglio – J. Bezzina (eds.), *Gozo and its culture: proceedings of the 1995 Lowenbrau Seminar held at L-Imġarr Hotel, Gozo on 3 March 1995*, 67.

62 A. Hoppen, *The Fortification of Malta by the Order of St. John 1530-1798*, Malta 1999, 196.

63 Ibid., 203-209.

64 A.E.G., *Census* (1667) f.56r-59v. Dan id-dokument importanti ġie misjub mill-istoriku Għawdxi Mons. Joe Bezzina u ippublikat għall-ewwel darba fil-ktieb tiegħu *Sannat fi Grajjiet Għawdex,* Malta 1989, 112-116.

65 Għal sintesi f'tabella ta' dan iċ-ċensiment importanti ara L. Briguglio – J. Bezzina (eds.), *Gozo and its culture: proceedings of the 1995 Lowenbrau Seminar held at L-Imġarr Hotel, Gozo on 3 March 1995*, 68. Ara wkoll J. Bezzina – D. Cilia (eds.), op. cit., 151.

66 G. A. Ciantar, op. cit., Lib. III, Not. IV, 239.

67 A.E.G., *V.P.* (1678), 102v.

68 A.E.G., *V.P.* (1678), 105r.

Virtu, magħrufa wkoll bħala "tal-Madonna taż-Żejt", fil-*contradam Garbicum*.[69]

**Lejn is-sena 1688**

Skont id-dispożizzjonijiet tal-Konċilju ta' Trentu, għat-twaqqif ta' parroċċa ġdida kienu meħtieġa li jiġu sodisfatti diversi kundizzjonijiet. L-ewwel kundizzjoni għat-twaqqif ta' parroċċa ġdida kienet tinqasam fi tlieta: (i) l-awtorita' tal-Ordinarju (l-Isqof tal-post) – *l'autorita' dell'Ordinario*, (ii) li hemm kawża ġusta għat-twaqqif ta' parroċċa ġdida – *una giusta causa*, (iii) u li hemm ukoll il-kunsens tal-interessati – *il consenso degl'interessati.* Fost dawn l-*interessati* tal-aħħar kien ikun hemm dejjem il-kappillan tal-parroċċa li minnha tkun ser tinqata' l-ġdida, mela l-kappillan tal-parroċċa "omm".[70]

Fil-każ tat-twaqqif tal-parroċċa tax-Xewkija, dawn il-kundizzjonijiet ġew imwettqa mingħajr problemi ta' xejn. Meta però ġie biex iwaqqaf il-parroċċa tal-Għarb, l-Isqof Mons. Michele Gerolamo Molina sab ma wiċċu sitwazzjoni mhux tas-soltu. Dan għaliex il-kariga tal-Arċipriet tal-Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija, li minnha kienet ser tinqata' l-parroċċa tal-Għarb, kienet vakanti. Fil-fatt l-Arċipriet Gan-Anton Camilleri kien miet nhar id-29 ta' Lulju tal-1679[71] u l-post tiegħu baqa' battal għal iktar minn tmintax-il xahar. L-Isqof Molina dehrlu li għandu jibqa' għaddej u, kif għidna, nhar id-29 ta' Awwissu 1679 waqqaf il-parroċċa tal-Għarb. Meta nhar l-10 ta' Frar 1681 Dun Carlo Magri[72] sar l-Arċipriet il-ġdid tal-Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija, mill-ewwel wera li ma kienx konvint mid-deċiżjoni li kien ħa l-Isqof li jwaqqaf il-parroċċa tal-Għarb u saħansitra appella Ruma għal darba, tnejn. Imma Ruma tat raġun lill-Isqof u l-kwistjoni intemmet hemm.[73]

Lejn tmiem is-sena 1681 Mons. Molina temm il-kariga tiegħu bħala l-Isqof tal-Gżejjer Maltin u ġie trasferit għas-sede ta' Lérida fil-Catalogna.[74] Postu ħadu Fra Davide Cocco Palmeri (1632-1711)[75] li ġie ikkonsagrat Isqof nhar is-6 ta'




L-Isqof Fra Davide Cocco Palmeri (1632-1711)
*(Katidral tal-Imdina, Malta)*

Ġunju tal-1684[76]. Tliet snin wara Mons. Cocco Palmeri beda viżta pastorali storika ġewwa Għawdex. Din il-viżta, li damet sejra sittax-il ġurnata, bdiet nhar l-20 ta' April 1687. Matulha l-Isqof Cocco Palmeri tkellem mal-membri tal-kleru u iddiskuta magħhom il-problemi pastorali li kienu qed iħabbtu wiċċhom magħhom. Imma dehrlu wkoll li għandu jmur hu stess iżur l-inħawi kollha tal-gżira għaliex ried jara b'għajnejh x'kienu l-ħtiġiet pastorali tal-Għawdxin li issa kienu xterrdu sewwa mal-erbat irjieħ tal-gżira. L-Isqof innota li għal dawk 'il bogħod mill-Belt u mir-Rabat kien qiegħed isir dejjem iktar diffiċli biex jirċievu s-sagramenti. Dan għaliex il-knisja parrokkjali tagħhom, dik ta' Santa Marija fil-Belt, kienet 'il bogħod wisq. Mill-ġdid il-problema kienet tikber bil-lejl meta l-bibien tal-Belt kienu għadhom jiġu magħluqa. Kien hemm ir-riskju li l-moribondi jmutu mingħajr ma jirċievu d-dilka tal-morda. Anqas it-tagħlim tad-duttrina lit-tfal ma kien qiegħed jingħata kif suppost u kien hemm min kien jibqa' saħansitra mingħajr ma jircievi s-sagrament tal-qrar u tat-tqarbin. Ma dawn il-problemi, l-Isqof Cocco Palmeri innota wkoll li l-Arċipriet tal-Matriċi u Kolleġġjata

69 A.C.M., *Misc.* 11, 229r-v. (Ħajr lil J. Galea li għaddhieli kopja ta' partijiet minn dan id-dokument.)

70 A. Barbosa, *Pastoralis Solicitudinis sive de Officio et Potestate Parochi tripartita Descriptio*, Paris 1705, I, 39.

71 J. Borg, "Il-Knisja "Matriċi", Kolleġġjata u Katidrali t'Għawdex" in C. Scicluna – G. B. Gauci, op. cit., 45.

72 Ibid.

73 A.C.M., *Misc. Ms.* 55, 122v. Ara wkoll A. Ferres, *Descrizione storica delle Chiese di Malta e Gozo*, Malta 1866, 577.

74 A. Zammit Gabarretta, *The Presentation, Examination, and Nomination of the Bishops of Malta in the Seventeenth and Eighteenth Centuries*, Malta 1961, 59.

75 B. Dal Pozzo, *Historia della Sacra Religione Militare di S. Giovanni Gerosolimitano detta di Malta*, Venezia 1715, II, 486-487.

76 A. Ferres, op. cit., 44-45.

ta' Santa Marija, Dun Carlo Magri, kien diġa imdaħħal fiż-żmien u ma kienx faċli għalih ilaħħaq ma' parroċċa tant kbira. Kien hemm però problema oħra li l-Isqof innota. Bosta karigi u kanonikati ta' Għawdex, l-iktar dawk li kienu jirrendu qligħ tajjeb, kienu qed jiġu maħtufa minn ekkleżjastiċi Maltin. Ħafna minn dawn imbagħad lanqas biss kienu jersqu lejn Għawdex għax ftit kien jimpurtahom mill-ħtiġiet tal-Għawdxin. Għal dawn l-importanti kien il-gwadann finanzjarju.

Kien għalhekk li nhar l-4 ta' Mejju, fi tmiem il-viżta pastorali tiegħu, l-Isqof Cocco Palmeri ħareġ id-digriet *Considerans suo paterno zelo* li permezz tiegħu ħatar lil Dun Ewgenju Azzupardu bħala viċi-parroku tal-Arċipriet Carlo Magri. Dun Ewgenju kien fid-dmir li jara li l-poplu li kien 'il bogħod mill-Belt u mir-Rabat jibda jingħata l-kura pastorali li kien jeħtieġ.[77] Din pero' kellha tkun soluzzjoni temporali għaliex l-Isqof kellu diġa f'moħħu li jwaqqaf erba' parroċċi ġodda f'Għawdex. Dawn l-erba' parroċċi ġodda kellhom ikunu dawk ta' Santa Marija tal-Virtut fiż-Żebbuġ, ta' Sant' Anton tal-Qaċċa (ix-Xagħra), ta' Santa Margerita f'Ta' Sannat, u ta' Santa Marija tal-Qala (in-Nadur).

Matul din il-viżta pastorali tiegħu l-Isqof Cocco Palmeri kien sema' wkoll dwar il-kwistjonijiet li kien ikun hemm minn żmien għal żmien bejn l-Arċipriet tal-Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija u l-kappillan tal-parroċċa ta' San Ġorġ, li dak iż-żmien kien Dun Pawl Lamagna, saċerdot mill-Isla.[78] U anke għal din il-problema dehrlu li għandha tinstab soluzzjoni mill-iktar fis.

**It-Twaqqif ta' Erba' Parroċċi ġodda u l-Unjoni tal-Parroċċa tar-Rabat ma' dik tal-Belt**

It-twaqqif ta' erba' parroċċi ġodda f'salt kien ifisser telfien finanzjarju enormi għall-Matriċi u Kolleġġjata tal-Belt li minnha kienu ser jinqatgħu. U l-Arċipriet Carlo Magri, ta' bniedem serju li kien, ħassu fid-dmir li jiddefendi l-interessi tal-parroċċa tiegħu. Kien jonqos serjament kieku, minħabba l-indifferenza jew ir-rispett uman, għalaq għajnejh u m'għamel xejn. L-Arċipriet Magri dehrlu li m'għandux jagħti l-kunsens mingħajr ma jqiegħed il-kundizzjonijiet tiegħu. Kellu diġa xogħfa b'dak li kien sab meta kien laħaq Arċipriet fl-1681, ftit xhur wara t-twaqqif tal-parroċċa tal-Għarb.

Kif temm il-viżta pastorali tiegħu ġewwa Għawdex, l-Isqof Cocco Palmeri mar Malta u ressaq rikors quddiem il-Granmastru Gregorio Carafa (1615-1690) biex jikseb mingħandu l-artijiet meħtieġa għat-twaqqif tal-prebendi tal-erba' kappillani ġodda. Nhar is-17 ta' Jannar 1688 il-Granmastru ta l-kunsens tiegħu għall-għoti ta' dawn l-artijiet.

Min-naħa tiegħu, l-Arċipriet Carlo Magri ressaq quddiem l-Isqof il-kundizzjonijiet tiegħu. Fost dawn kien hemm li l-artijiet u d-deċimi li kienu tal-Arċipretura tal-Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija u li issa kienu se jkunu fil-limiti tal-parroċċi l-ġodda kellhom jibqgħu bla mittiefsa. Insista wkoll li l-insara li kienu joqgħodu fil-Belt u 'il barra mil-limiti ta' dawn il-parroċċi l-ġodda kellhom jibqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu u għalhekk lilu kellhom jibqgħu jagħtu l-primizji u kull dħul ieħor. L-istess Arċipriet żamm id-dritt li jmexxi purċissjonijiet lejn il-parroċċi l-ġodda. Il-kappillani l-ġodda kellhom ukoll iħallsu taxxa lilu bħala att ta' sottimissjoni lejh. U fl-aħħar nett, l-Arċipriet Magri dehrlu li l-parroċċa ta' San Ġorġ kellha issir parti mill-Arċipresbiterat tal-Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija fil-Belt.[79]

M'hemmx dubju li mill-kundizzjonijiet kollha li ressaq l-Arċipriet Magri, l-iktar waħda ikkumplikata kienet dik tal-aħħar. Imma l-Isqof Cocco Palmeri kien konvint li l-għaqda ta' San Ġorg mal-Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija kienet ser tkun ta' ġid għal kulħadd. U, mingħajr ma qagħad ihares lejn l-uċuħ, iddeċieda li jwettaqha.

Nhar it-28 ta' April 1688, l-Isqof Davide Cocco Palmeri waqqaf l-erba' parroċċi l-ġodda: Santa Margerita f'Ta' Sannat, Sant'Anton tal-Qaċċa (ix-Xagħra), Santa Marija tal-Qala (għan-Nadur), u Santa Marija tal-Virtut (iż-Żebbuġ). Dan għamlu permezz tad-Digriet *Cum in prima*. Sabiex dan it-

77 Archivium Archiepiscopale Melitense (= A.A.M.), *V.P.* (1687), 602-603. (Ħajr lil J. Galea li għaddhieli kopja ta' dan id-dokument.) B'mod impreċiz, Patri Alexander Bonnici OFM Conv. isejjaħ lil Dun Ewgenju Azzupardu "kappillan" u jikteb, "Kien każ uniku fl-istorja tal-Knisja f'Għawdex meta lill-Matriċi narawha immexxija minn żewġ kappillani: wieħed għaċ-ċentru tal-parroċċa u l-ieħor għall-kampanja." Ara: A. Bonnici, "Meta l-Matriċi tal-Assunta ta' Għawdex tmexxiet minn żewġ Kappillani" in *L-Għid tal-Assunta* 17 (1982), 2. Fid-digriet *Cum in prima* tat-28 ta' April 1688, l-Isqof Cocco Palmeri jagħmel referenza għal Dun Ewgenju Azzupardu u jsejjaħlu "V(ici) Parochum". Ara: Notarial Archives Valletta (= N.A.V.), R 792/10, Atti tan-nutar Giovanni Battista Dorbes, 28/4/1688, 2. (Ħajr lil J. Galea li għaddhieli kopja ta' dan id-dokument.) Mons. Joe Bezzina jikkoreġi dan l-iżball ta' Patri Bonnici u jagħti l-interpretazzjoni preċiza tas-sitwazzjoni storika meta jgħid, "... l-Isqof kien ġa ħa deċiżjoni parzjali: ħatar lil Dun Ewgenju Azzupardu bħala viċi-parroku ta' Magri bl-obbligu li jieħu hsieb il-parruċċani mxerrda fil-kampanja." Ara: J. Bezzina, "Il-Matriċi Kolleġġjata tal-Assunta 300 sena ilu" in *L-Għid tal-Assunta* 23 (1988), 9.

78 A. Ferres, op. cit., 555. Għal tagħrif dwar Dun Pawl Lamagna b'xi ineżattezzi storiċi, ara J. Bezzina, "L-aħħar Kappillan ta' San Ġorġ" in *L-Orizzont*, 31/5/1986.

79 J. Bezzina, "Iż-Żebbuġ imwaqqaf Parroċċa 325 sena ilu. 1688-2013" in *L-Għolja taż-Żebbuġ,* 71 (2013), 10.



Disinn tal-faċċata l-qadima tal-knisja ta' San Ġorġ fir-Rabat ta' Għawdex, aktarx xogħol ta' Mederico Bondel. Dan id-disinn sar mill-Kan. Salvatore Bondi' li għamel id-disinn tal-faċċata li hemm illum u li inbniet bejn l-1815 u l-1816. *(Kollezzjoni tal-Kan. John Meilak)*

twaqqif ikun iktar formali, l-Isqof qabbad lin-Nutar Giovanni Battista Dorbes, li kien ukoll in-nutar tal-Kurja, biex jirreġistrah l-Insinwa.[80] Xi ħadd, li qajla jifhem fid-dokumenti ekkleżjastiċi, kiteb li dan kien biss kuntratt notarili u anke ipprova jikkonvinċi lil xi kappallani li l-parroċċi tagħhom ma twaqqfux fid-28 ta' April 1688 imma f'data iktar tard! Dan m'hu minnu xejn, kif kiteb u spjega tant tajjeb il-mibki ħabib tiegħi l-istoriku Anton F. Attard f'diversi kitbiet tiegħu. Barra dan, kull min hu midħla tal-istorja ekkleżjastika jista' jintebaħ li dan il-kunratt għandu l-forma stabilita ta' digriet episkopali.

F'dan id-Digriet, l-Isqof jgħid ukoll ċar u tond li l-għaqda tal-parroċċa ta' San Ġorġ ma' dik tal-Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija kienet meħtieġa għal dawn ir-raġunijiet: (i) għaliex bosta parruċċani tal-Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija kienu bdew jgħixu fir-Rabat, mela fil-limiti tal-parroċċa ta' San Ġorg, (ii) għaliex iż-żewġ knejjes parrokkjali kienu wisq qrib ta' xulxin, (iii) u għaliex il-poplu kien qiegħed jiġi skandalizzat minħabba l-kwistjonijiet li minn żmien għal żmien kienu qed jinqalgħu bejn il-mexxejja taż-żewġ parroċċi, kultant saħansitra waqt funzjonijiet pubbliċi u fuq drittijiet parrokkjali.[81] L-Isqof Cocco Palmeri jsemmi li l-bżonn ta' din l-għaqda kien ilu jinħass għal bosta snin. Imma issa kienet ferm iktar meħtieġa biex, permezz tagħha, l-Arċipresbiterat tal-Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija ma jsofri l-ebda ħsara bit-twaqqif ta' dawn l-erba' parroċċi ġodda.[82] Wara li jfakkar lill-erba' kappillani ġodda li għandhom juru s-sottomissjoni tagħhom lejn l-Arċipriet tal-Matriċi u Kolleġġjata b'diversi modi, l-Isqof Cocco Palmeri jgħid li din l-għaqda tal-parroċċa ta' San Ġorġ mal-Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija kellha isseħħ meta l-kariga tal-kappillan ta' San Ġorġ tkun vakanti permezz tar-riżenja jew tal-mewt tal-kappillan attwali tagħha.[83]

Jekk niflu dan id-digriet, ninnutaw li permezz tiegħu l-Isqof Cocco Palmeri neħħa l-istatus parrokkjali ta' San Ġorġ, imma ħalla l-funzjoni parrokkjali tagħha. Mela din l-għaqda ta' San Ġorġ mal-Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija ma kienetx l-għaqda ta' żewg parroċċi ugwali immexxija minn persuna waħda. L-Isqof Cocco Palmeri ried li jkun hemm **parroċċa waħda** (dik tal-Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija) li tkun immexxija minn **persuna waħda** (l-Arċipriet tal-Matriċi u Kolleġġjata) u li dan imexxi lil din il-parroċċa minn **żewġ knejjes parrokkjali** (mill-Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija u minn dik ta' San Ġorġ). Kien dan l-arranġament, pastoralment prattiku għall-aħħar, li wassal lill-Konti Ciantar biex fl-1780 jikteb hekk dwar il-knisja ta' San Ġorġ: "Chiesa di S. Giorgio Parrochiale, oggi Vice-Parrocchiale del Rabbato, o vogliam dire, borgo del Gozo..."[84] U bħalu fehem is-sitwazzjoni Achille Ferres fl-1866 dwar il-knisja ta' San Ġorġ, "Questa chiesa porta il titolo di parrochiale, ma strettamente parlando, e' vice-parrochiale..."[85]

Kien hemm min kiteb li din l-għaqda tal-parroċċa ta' San Ġorġ mal-Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija kienet meħtieġa peress li din tal-aħħar tilfet il-parrokjalita' tagħha nhar l-20 ta' Ottubru 1663 meta l-Papa Alessandru VII (1599-1667), permezz tal-Bolla *Superna Dispositione,* ikkonferma l-Kolleġġjata li l-Isqof Cagliares kien waqqaf mill-ġdid fiha fl-1623.[86] Skont dawn mingħajr din

80 N.A.V., R 792/10, Atti tan-nutar Giovanni Battista Dorbes, 28/4/1688.

81 Ibid, 1-2.

82 Ibid., 2-3.

83 Ibid., 6.

84 G. A. Ciantar, op. cit., Lib III, Not. IV, 235.

85 A. Ferres, op. cit., 552.

86 A.C.G., Bolla *Superna Dispositione*.

l-Unjoni l-Isqof Cocco Palmeri ma kienx ikun jista' jwaqqaf l-erba' parroċċi l-ġodda fl-1688.[87] Dan, minbarra li m'għandu x'jaqsam xejn mal-prassi li fuqha sa minn dejjem imxiet il-Knisja, ma jistax ikun iktar 'il bogħod mill-verità storika. Il-bolla *Superna Dispositione* tgħid ċar li l-kura tal-erwieħ kienet ser tibqa' f'idejn l-Arcipriet tal-Matriċi u Kolleġġjata preċiżament kif kienet qabel: "...pro uno Archipresbytero penes quem **ut prius cura animaroum parochianorium** primodicte ecclesie **remaneat**...".[88] Anke s-sentenza tal-Inkwiżitur Mons. Angelo Maria Ranuzzi (1626-1689) tikkonferma dan. Mela s-suppressjoni u l-estinzjoni tal-parroċċa Matriċi ta' Santa Marija saret għax kienet meħtieġa biex din l-istess parroċċa tingħata grad għola minn dak parrokkjali, jiġifieri dak ta' Kolleġġjata. Tant hu hekk li wara l-eżekuzzjoni tal-bolla tal-Kolleġġjata, il-ħidma pastorali u parrokkjali fil-knisja Matriċi ta' Santa Marija fil-Belt baqgħet għaddejja preċiżament bħal qabel. L-Arċipriet tagħha baqa' wkoll jeżerċita' l-awtorita' tiegħu fil-kura tal-erwieħ u s-sagramenti b'mod għal kollox normali u bħal qabel. U meta l-Isqof Cocco Palmeri ġie biex iwaqqaf l-erba' parroċċi ġodda fl-1688, dan għamlu mit-territorju li kien jappartjeni lill-Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija tal-Belt, kif jgħid ċar u tond id-digriet *Cum in prima*: "Declarantes ex tunc in antea, et in perpetuum ecclesias praefatas S(anctae) Margaritae Ta' Sannat, S(anc)ti Antonij de la Caccia, S(anc)tae Mariae de la Cala, et S(anc)tae Mariae Virtutum, sive Assumptionis de Zebug, seu alias in locis a Nobis infra designandis de novo construendas esse vere, ac cum, effectu Parochiales, et Curatas distinctas, et ad invincem separatas cum populo, et populis ibidem respective habitantibus, et **a Matrice Ecclesia Collegiata, eiusque Archipraesbyteratu perpetuo dismembratas, seu verius disiunctas et divisas...**".[89] Min jikteb ħwejjeġ diversi minn dawn ikun qiegħed imieri l-verità storika u s-sewwa magħruf. U *Allegatio contra factum non est admittenda!*

87 J. Bezzina, "Mill-istorja tal-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ", in *Festi San Ġorġ*, Għawdex 1987, 61. Ta' min jirrimarka hawn li Bezzina jiżbalja bil-kbir meta jgħid li Papa Alessandru VII "waqqaf" u mhux ikkonferma il-Kolleġġjata. Fl-editt tal-Isqof Cagliares tal-1623 naqraw car u tond: "(...) l'abbiamo resoluto d'instituire una Collegiata in questa Matrice Chiesa per adempimento di tali obblighi, **si come nella presente nostra visita instituiamo**, riservando pero' sempre il beneplacito e consenso di nostro Signore Papa Gregorio XV e della Santa Sede Apostolica, e sua confirmatione in tutti li soprascritti et infrascritti capi." Ara Scicluna – G. B. Gauci, op. cit., 10.

88 A.C.G., Bolla *Superna Dispositione*, 11r.

89 N.A.V., R 792/10, Atti tan-nutar Giovanni Battista Dorbes, 28/4/1688, 2.

Meta seħħet l-għaqda tal-parroċċa ta' San Ġorġ mal-Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija, l-Isqof Cocco Palmeri dehrlu li l-beni stabbli li kienu propjeta' tal-kappillan ta' San Ġorġ għandhom jinqasmu bejn l-erba' parroċċi ġodda. Imkien ma semma l-Isqof li dawn il-beni stabbli kienu xi tip ta' dota mogħtija mill-parroċċa ta' San Ġorġ lill-erba' parroċċi l-ġodda. Kieku kien hekk, m'hemmx dubju li l-Isqof kien jgħidu dan għaliex kien fl-interess tiegħu li jkun ċar kemm jista' jkun f'din il-kwistjoni, iktar u iktar meta kien jaf li b'dak li kien qiegħed iwettaq ma kienx qiegħed jogħġob lil kulħadd. Li kieku dawk il-beni stabbli kienu xi tip ta' dota mogħtija mill-parroċċa ta' San Ġorġ lill-erba' parroċċi l-ġodda, kieku l-istess Isqof kien jordna lil dawn il-parroċċi ġodda juru xi tip ta' suġġezzjoni lejn San Ġorġ, kif ordnalhom biex jagħmlu fil-konfront tal-Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija.[90] Wara kollox, l-istess Liġi tal-Knisja kienet titlob li jsir dan. Fil-fatt fil-Kodiċi tad-Dritt Kanoniku konna naqraw li l-parroċċa ġdida li tkun ġiet iddottata mir-renti tal-knisja li minnha tkun ħarġet għandha tqim lil din il-Matriċi tagħha skont kif u għall-fini li jordnalha l-Ordinarju (l-Isqof tal-post): "Si vicaria perpetua aut nova paroecia dotetur ex reditibus ecclesiae a qua dividitur, debet matrici honorem deferre modo et finibus ab Ordinario praestituendis..." (*Can. 1427, par. 4*).

Il-beni stabbli tal-parroċċa ta' San Ġorġ kienu qiegħdin jiġu mogħtija lill-erba' parroċċi ġodda bħala dota mill-Isqof inniffsu anke għaliex il-knisja ta' San Ġorġ, skont dan l-istess digriet, ma kinetx ser tibqa' parroċċa bil-kappillan tagħha u għalhekk parroċċa *per se*. Dan kellu jseħħ qabel l-istess twaqqif tal-erba' parroċċi l-ġodda. Fil-fatt l-ewwel kellha tasal il-konferma tal-għaqda ta' San Ġorġ mal-Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija minn Ruma, imbagħad l-erba' kappillani ġodda setgħu jieħdu l-pussessi tal-parroċċi ġodda tagħhom. Kif ktibt qabel, xorta jibqa' l-fatt però li l-parroċċi Ta' Sannat, tax-Xagħra, ta' Santa Marija tal-Qala (in-Nadur), u taż-Żebbuġ twaqqfu nhar it-28 ta' April 1688, kif jgħid ċar u tond id-digriet *Cum in prima.* Din id-data għandha titqies bħala l-jum tat-twaqqif tagħhom u l-ebda data oħra.

Fil-ħidma tiegħu għat-twaqqif ta' dawn l-erba' parroċċi ġodda u għall-Unjoni tal-parroċċa ta' San Ġorġ ma' dik Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija l-Isqof Cocco Palmeri kellu għoqda oħra xi jħoll. Il-kappillan ta' San Ġorġ, Dun Pawl Lamagna, dehrlu li l-għaqda tal-parroċċa tiegħu mal-Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija m'għandhiex

90 Ibid., 6.

isseħħ diment li jkun hu kappillan ta' San Ġorġ. L-Isqof Cocco Palmeri dehrlu li l-kundizzjoni li kien qiegħed jagħmel Dun Pawl Lamagna kienet waħda ġusta u għalhekk l-eżekuzzjoni tad-digriet tat-28 ta' April 1688 ġiet sospiża sakemm il-kariga ta' kappillan ta' San Ġorġ tkun għadha okkupata, kif diġa semmejt fuq.[91]

Immorru issa lura bi ftit xhur qabel it-twaqqif tal-erba' parroċċi ġodda f'Għawdex nhar id-28 ta' April 1688. Daqs ħames xhur qabel, nhar l-10 ta' Dicembru 1687, sar il-konkors għall-għażla ta' kappillan ġdid għall-parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ. Interessanti ħafna hu l-fatt li fost is-saċerdoti li resqu għal dan il-konkors kien hemm Dun Pawl Lamagna li allura, kif għidna, kien il-kappillan ta' San Ġorġ ta' Għawdex. Dan il-fatt jurina mela li lejn tmiem is-sena 1687 Dun Pawl Lamagna kien diġa deċiż li jitlaq minn San Ġorġ. Dun Ġwann Maria Barbara, li sa dakinhar kien il-kappillan tal-parroċċa ta' Bormla, ġie magħżul biex jimla l-kariga ta' kappillan f'Ħaż-Żebbuġ.[92] U b'hekk issa l-kariga ta' kappillan għall-parroċċa ta' Bormla ġiet vakanti.

Fost dawk li ressqu għall-konkors biex jieħdu l-post ta' kappillan fil-parroċċa ta' Bormla reġa' kien hemm Dun Pawl Lamagna. L-Isqof, b'Dun Pawl Lamagna f'moħħu, ħa ż-żmien tiegħu qabel ħa d-deċiżjoni biex jimla l-post ta' kappillan ta' Bormla. Dan għamlu għaliex ried ikun ċert li l-Unjoni li kellu f'moħħu jwettaq tal-parroċċa ta' San Ġorġ ma' dik Matriċi ta' Santa Marija ma kienetx tmur kontra d-dispożizzjonijiet tal-Konċilju ta' Trentu li fis-*Sessio* XXIV kien iddikjara li "le Chiese Parrocchiali non c'uniscano a qualisisiano monasteri, o abbazie, o dignita', o prebende della Cattedrale, o Collegiata..." (Caput XIII).[93] Fil-każ ta' Għawdex, l-Isqof kien ser jgħaqqad lil San Ġorġ mal-parroċċa Matriċi ta' Santa Marija li fl-1623 kienet saret Kolleġġjata mill-ġdid mill-Isqof Cagliares. Biex isolvi din il-kwistjoni, l-Isqof Cocco Palmeri talab lill-Inkwiżitur Tommaso Ruffo (1663-1753) iressaq talba lill-Kongregazzjoni tal-Kardinali ġewwa Ruma. Ir-risposta minn Ruma waslet nhar il-5 ta' Marzu 1689 u l-Kongregazzjoni approvat dak kollu li kien qed jagħmel l-Isqof.[94]

Nhar l-4 ta' Ġunju 1689, Dun Pawl Lamagna ħalla minn San Ġorġ u telaq lejn Malta fejn ħa l-pussess tal-parroċċa ta' Bormla.[95] Fl-istess jum Dun Antonio Manso, vigarju ġenerali tal-Isqof Cocco Palmeri, ħareġ id-digriet tal-approvazzjoni tal-għaqda tal-parroċċa ta' San Ġorġ mal-Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija fil-Belt. L-għada, il-5 ta' Gunju, l-Arċipriet Dun Carlo Magri ħa l-pussess tal-parroċċa ta' San Ġorġ minn idejn Dun Ġamri Vella.[96] Dun Ġamri, minbarra li kien kanonku tal-Matriċi u Kolleġġjata fil-Belt, kien ukoll pro-vigarju tal-Isqof għal Għawdex.[97] Fil-jiem ta' wara l-erba' kappillani ħadu l-pussess tal-parroċċi ġodda tagħhom.[98]

**Wara l-Għaqda tal-Parroċċi: 1688-1955**

Kien hemm min kiteb dwar "In-niket li laqat lill-Parroċċa ta' San Ġorġ fiż-żmien li saret l-Unjoni" u qal li dan "ma hediex mal-medda taż-żmien."[99] Kliem bħal dan ma jirriflettix il-verita' storika, cioè dak li tabilħaqq seħħ fis-snin li ġew wara l-1688. Il-ġrajjiet li seħħew bejn l-1688 u l-1955 (meta allura intemmet din l-Unjoni) juru li l-knisja ta' San Ġorġ iggwadanjat bil-kbir... ferm u ferm iktar milli iggwadanjat il-Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija fil-Belt.

Nhar is-7 ta' Awwissu 1672, mela 16-il sena qabel l-għaqda tagħha mal-Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija, tqiegħdet l-ewwel ġebla tal-knisja ta' San Ġorġ, dik li hemm illum.[100] Dan ifisser li din il-knisja ma inbnietx bħala ringrazzjament ta' xi wiegħda li kienet saret għall-ħelsien mill-pesta, kif kultant kien u għadu jingħad.[101] Dan għaliex il-pesta daħlet f'Malta fl-1675,[102] mela meta x-xogħol tal-bini fuq San Ġorġ kien ilu diġa tliet snin li beda. U f'dawn it-tliet snin ftit li xejn jidher li kien hemm entużjażmu fost il-poplu għall-bini ta' din il-knisja, tant li l-istess Gvernatur ta' Għawdex Fra Francisco de Corduba beda jmur hu inniffsu jġorr il-ġebel fuq spallejh biex jagħti eżempju lill-poplu biex dan jgħin wkoll, U biex ikabbar l-entużjażmu saħansitra irregala lill-istess

91 N.A.V., R 792/10, Atti tan-nutar Giovanni Battista Dorbes, 28/4/1688, 7.

92 Curia Episcopalis Melitensis (= C.E.M.) *Concorsus* 30, 10-19, item 3.

93 P. Chifflet, *Il Sacro Concilio Di Trento: Con Le Notizie Piu Precise Risguardanti La Sua Intimazione a Ciascuna Delle Sessioni. Nuova traduzione italiana col testo latino a fronte*, Venezia 1822, 255.

94 A. Bonnici, *Il-Matriċi Kolleġġjata tal-Assunta u l-Ewwel Parroċċi ta' Għawdex,* 86.

95 A. Ferres, op. cit., 300.

96 A.A.M., *Fasc. RCB non class*, 10v – ippublikat minn A. Bonnici, "Il-Problemi Pastorali ta' Għawdex fis-sena 1688" in *L-Għid tal-Assunta*, 18 (1983), 5.

97 G.P.F. Agius De Soldanis, op. cit., I, Malta 1936, 135.

98 Il-kappillani ta' Ta' Sannat, tax-Xagħra, u ta' Santa Marija tal-Qala (Nadur) ħadu l-pussess tagħhom nhar l-10 ta' Gunju 1689. Taż-Żebbuġ ħadu jumejn wara, fit-12 tax-xahar.

99 K. Grech, *Il-Knisja Arċi-Matriċi tal-Belt u l-Gżira ta' Għawdex,* Malta 1996, 33.

100 E. F. Montanaro, "Mill-Istorja tal-Knisja ta' San Ġorġ 1450-1565" in *Festi San Ġorġ Għawdex*, Gozo 1995, 18-19.

101 J. Bezzina, "Il-bini tal-Knisja ta' San Ġorġ 1506-1678 in *Il-Bażilka Proto-Parrokkjali* (sic) *San Ġorġ Martri: Ħidma, Storja, Tagħrif,* Gozo 1978, 33-39

102 G. A. Ciantar, op. cit., Lib. III, Not. XI, 189.

knisja l-inkwatru sabiħ ta' San Ġorġ atribwit lil Mattia Preti.[103] Għaliex il-Gvernatur għamel dan ma nafux. Jista' jkun li kellu devozzjoni personali lejn il-qaddis. Jista' jkun ukoll li dan kollu għamlu għal motivi politici: biex jgħaqqad lill-poplu fil-bini ta' knisja gdida u jinġieb man-nies, ħaġa ferm komuni f'dawk iż-żminijiet u fiż-żminijiet kollha. Jekk inħarsu lejn l-istorja nintebħu li din li l-Gvernatur għen lil San Ġorġ ma' kienetx xi eċċezzjoni. Anzi pjuttost kienet ir-regola. Il-Gvernaturi ta' Għawdex li kienu jaħslu jħobbu l-gżira kienu jagħmluha ta' patruni tal-knejjes u jgħinuhom b'diversi modi, anki bil-ghan li jidhru sbieħ u jigu aċċettati iktar mill-poplu li riedu jmexxu. Hekk per eżempju fl-1614 il-Gvernatur Fra Eugenio Ramirez Maldonado rregala l-bust-relikwijarju ta' Sant'Orsla lill-Matriċi.[104] Kien ukoll il-Gvernatur Fra Richard de Nini Claret li fl-1622 irregala l-inkwatru sabiħ tat-Twelid tal-Madonna lill-knisja ta' Savina.[105] Anki kappelli fil-kampanja, bħala Santa Marija tal-Ħamrija, ix-Xewkija, gawdew minn dan il-patronaġġ.[106]

Kienet x'kienet ir-raġuni, is-sehem tal-Gvernatur de Corduba fil-bini ta' San Ġorġ jurina kemm kien kompletament żbaljat minn ipprova jagħti l-impressjoni li f'Għawdex kien hawn xi lotta soċjali bejn il-poplu fqir li kien jgħix fir-Rabat u n-nobbli u l-benestanti li kellhom djarhom 'il ġewwa mill-ħitan tal-Belt.[107] Kompletament żbaljat kien ukoll min allega (naturalment mingħajr ma iddokumenta) li l-Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija fil-Belt kienet il-parroċċa riservata għan-nobbli waqt li dik ta' San Ġorġ kienet il-parroċċa tal-poplu fqir... u li din il-qasma soċjali kienet il-kawża ta' pika bejn iż-żewġ parroċċi![108] Il-fqar kienu l-maġġoranza assoluta tal-poplu ta' Għawdex u kont issibhom kullimkien. U ma tantx kien hemm minn fejn tagħżel bejn parroċċa u oħra.

Malli seħħet l-Unjoni fl-1689, il-folja bdiet tinqaleb għal San Ġorġ u s-sitwazzjoni ta' din il-knisja bdiet tinbidel bħal lejl min-nhar... għall-ahjar! Dawk kienu ż-żminijiet meta l-poplu beda jħalli d-djar tiegħu ckejknin 'il ġewwa mill-ħitan tal-Belt u beda jibni djar ġodda, ikbar u isbaħ, fir-Rabat. Is-subborg tal-Belt beda bil-mod il-mod jieħu l-forma ta' kif nafuh illum. U l-knisja ta' San Ġorġ sabet ruħha fil-qalba ta' dan l-iżvilupp soċjali kollu. Fl-1661 l-istess sede tal-*Universita',* imsejħa l-*Banca Giuratale*, niżlet mill-Belt għar-Rabat, fit-Tokk, fejn għadha sal-llum.[109] Wara l-Unjoni l-Arċipriet tal-Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija beda jieħu żewġ pussessi: l-ewwel dak propju tal-knisja parrokkjali tiegħu fil-Belt imbagħad beda jieħu wkoll il-pussess tal-knisja ta' San Ġorġ. Dan it-tieni pussess ma kienx wieħed essenzjali, għaliex meta kien jieħu l-pussess tal-Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija kien awtomatikament ikun ħa wkoll pussess ta' San Ġorġ. Dan kien pussess ċerimonjali imma kien wkoll turija ta' rispett mill-Arċipriet tal-Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija lejn dik il-knisja.[110]

Bis-saħħa tal-Unjoni, il-poplu kollu tar-Rabat inġabar f'parroċċa waħda, dik tal-Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija fil-Belt, li wara saret il-Katidral ta' Ghawdex. Imma mal-medda taż-żmien in-nies ma baqgħux jagħmlu distinzjoni bejn il-knisja parrokkjali tagħhom fil-Belt u l-oħra magħquda magħha tar-Rabat. Maż-żmien il-poplu kollu tar-Rabat inġabar madwar San Ġorġ. L-istess Arcipriet tal-Matriċi u Kolleġġjata beda jissejjaħ u jsejjaħ lilu inniffsu bħala "l-Arċipriet tar-Rabat" u spiċċa iservi lill-poplu ferm iktar minn San Ġorġ milli mill-knisja parrokkjali tiegħu ta' Santa Marija. L-istess bdew jagħmlu l-membri tal-kleru tar-Rabat. Għadni niftakar meta kont abbati l-Katidral lill-Arċidjaknu Mons. Pawlu Cauchi, li aħna konna nsibuh bħala "Dun Pawl ta' Savina", jgħid, "Mal-Unjoni, it-tifla belgħet lill-ommha!" U Dun Pawl kellu raġun biex ibiegħ! Għalhekk min jikteb l-istorja bis-serjeta' għandu jqis lil dan il-perjodu tal-Unjoni bħala żmien tad-deheb għall-knisja ta' San Ġorġ u mhux bħala żmien ta' niket li "ma hediex mal-medda taż-żmien". [111] Tul is-snin tal-Unjoni f'San Ġorġ saru ħafna opri artistiċi u proġetti kbar li l-fondi għalihom inġabru sold sold mingħand **il-poplu kollu tar-Rabat**. Qed nirreferi għall-proġetti bħal bini tal-kampnar fl-1757[112] u t-tiġdid tal-faċċata tal-knisja, li allura kienet għadha dik ta' Mederico Bondel[113], li sar fuq disinn tal-Kan. Salvatore Bondi bejn l-1815

103 G.P.F. Agius De Soldanis, op. cit., II, Malta 1953, 47.

104 A.M.Saliba, "400 Sena ilu Sant' Ursula ġiet iddikjarata bħala Padruna ta' Għawdex" in *Il-Mument* 18/9/2020, 20-21.

105 A. Ferres, op. cit., 557.

106 Ħajr lil Mons. Joe Bezzina li għaddieli din it-tagħrifa u noti oħra.

107 P. Mizzi, op. cit., 252.

108 Ibid., 256.

109 J. Bezzina, *Gozo's Government - The Autonomy of an Island through History,* Malta 2005, 50.

110 Sacra Romana Rota, *Decisio in Causa Gaudisien. Unionis et Administrationis*, Malta 1910, 13.

111 K. Grech, op. cit., 33.

112 E. F. Montanaro, "Ġrajja ta' Kampnar" in *Festi San Ġorġ Għawdex*, Gozo 1992, 1992, 41-47.

113 J. Bezzina, flimkien ma' oħrajn qablu u warajh, jsostni li l-knisja l-qadima ta' San Ġorġ kienet mibnija fuq disinn ta' Vittorio Cassar. Ara J. Bezzina, "Il-bini tal-Knisja ta' San Ġorġ 1506-1678", 30-32. Jekk wieħed pero' jifli d-disinn ta' kif kienet il-faċċata qabel ma intmesset fl-1816 mill-Kan. Salvatore Bondi għandu jinnota li l-faċċata li kellha kienet iktar tersaq lejn l-istil ta' Mederico Bondel. Wieħed irid jgħid ukoll li Vittorio Cassar miet fl-1609, mela 63 sena qabel ma beda l-bini tal-knisja ta' San Ġorġ.



L-Isqof Mons. Giovanni Marija Camilleri (1843 – 1924).
*(Kollezzjoni ta' Dun Anthony M. Saliba)*

u l-1816.[114] Dawn il-proġetti saru kollha bit-tħabrik tal-Arċiprieti tal-Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija. Kien per eżempju l-Arċipriet tal-Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija, il-Kan. Fortunato Cutajar, li nefaq erba' mit skud u għamel l-istatwa artistika ta' San Ġorġ, meqjuma b'tant għozza sal-lum fil-knisja tiegħu.[115] Dan ma jfissirx li ma kienx hemm, prinċipalment fost il-kleru, min ma kienx kontra din l-Unjoni. Imma dawn kienu l-ftit... anke għaliex is-saċerdoti ta' San Ġorġ, għad-differenza tas-saċerdoti l-oħra mill-irħula ta' Għawdex, kienu kollha jispiċċaw Kanonċi tal-Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija u b'hekk igawdu l-privileġġi li dan it-titlu kien iġib miegħu f'dawk iż-żminijiet. Mela l-Unjoni ħadmet tajjeb u damet hekk sakemm, lejn tmiem is-seklu dsatax, tnisslu l-partiti tal-baned. Minħabba f'dawn daħlet il-firda li kellha iġġib lil din l-għaqda fi tmiemha.

114 N. Vella Apap, "Il-Kan. Dr. Salvu Bondi S.Th.D. (1730-1859)" in *Festi San Ġorġ Għawdex*, Gozo 1987, 69-73. Nota: Id-data tat-twelid tal-Kan. Salvatore Bondi ghandha tkun 1790 u mhux 1730 kif hemm f'din il-kitba ta' N. Vella Apap.

115 Dwar dan, ara A. Farrugia, *Il-Kuntratt tal-Istatwa Titulari ta' San Ġorġ tar-Rabat, Għawdex*, Gozo 2015.

**Il-Bidu tal-Inkwiet fil-Parroċċa tar-Rabat**

Kif semmejt fuq, fl-1864 il-Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija ġiet mogħtija l-ġieh ta' Knisja Katidrali għad-djoċesi l-ġdida ta' Għawdex. Kien fl-istess żmien li, kif diġa għidna, twaqqfu ż-żewġ għaqdiet mużikali fir-Rabat li l-għan tagħhom ma kienx biss wieħed kulturali u socjali imma wkoll dak li l-membri tagħhom jaqilgħu xi ħaġa żejda tal-flus biex imantnu aħjar il-familja tagħhom. U, kif wieħed kien jistenna, fost is-servizzi mużikali li dawn iż-żewġ baned bdew jitfgħu għajnejhom fuqhom kien hemm dawk reliġjużi, jiġifieri l-purċissjonijiet u l-festi li kienu jinżammu matul is-sena fir-Rabat, b'mod partikulari il-festi titulari ta' Santa Marija u ta' San Ġorġ u l-festi sekondarji oħra fil-parroċċa tar-Rabat.

Sa minn qabel l-1882, il-Banda *del Leone,* mela "l'antica societa'", kienet tieħu sehem f'għadd ta' festi iċċelebrati fir-Rabat[116], fosthom dik ta' Santa Marija u ta' San Ġorġ, kif ukoll f'dawk tad-Duluri, tal-Ġimgħa l-Kbira, u tas-Santu Kruċ.[117] Fil-bidu tal-1882, meta allura kienet diġa twaqqfet it-tieni banda fir-Rabat, il-Prokuratur tal-festa ta' San Ġorġ Dun Ġużepp Mercieca dehrlu li għandu jaqsam is-servizzi mużikali tal-festa li kien jieħu ħsieb bejn iż-żewġ baned li issa kien hemm fir-Rabat.[118] U hawn beda dieħel l-għawġ. Il-president tal-Banda *del Leone*, id-Dott. Isidoru Xuereb, kien ippropona lill-Isqof ta' Għawdex ta' dak iż-żmien Mons. Pietru Pace (1831-1914) biex għal sena waħda l-kumitat tiegħu jagħti s-somma ta' tnax-il lira lill-Prokuratur tal-festa ta' San Ġorġ bil-patt li l-banda tiegħu tiehu sehem lejlet il-festa mal-banda l-ġdida u l-għada takkumpanja waħedha l-purċissjoni bil-vara tal-qaddis.[119] Il-fatt li d-Dott. Xuereb għamel din it-talba direttament lill-Isqof Pace bħal donnu jagħtik ħjiel li diġa kien hemm xi diżgwid bejn il-membri tal-Banda *del Leone* u l-Prokuratur tal-festa. Min-naħa tiegħu Dun Ġużepp Mercieca dehrlu li il-membri tal-Banda *del Leone* għandhom iħallsu dawn it-tnax -il lira anke jekk il-festa titħassar minħabba l-maltemp.[120] Ġustament il-mexxejja tal-Banda *del Leone* deherilhom li m'għadhomx jaċċettaw kundizzjoni bħal din.[121] Kif ra hekk nhar l-20 ta' April 1882 Dun Ġużepp Mercieca, permezz ta' att notarili għand in-nutar Onorato Giovanni

116 G. A. Grech, op. cit., 32.

117 A.E.G., Rikors li A. Tabone bagħat lill-Isqof ta' Għawdex Mons. Giov. M. Camilleri, 27/5/1895 in *Recursus*, vol. 34, f. 31.

118 Ibid. Ara wkoll G. A. Grech, op. cit., 33.

119 G. A. Grech, op. cit., 34.

120 Wieħed irid josserva hawn li l-festa ta' San Ġorġ kienet tiġi iċċelebrata fix-xahar ta' April.

121 G. A. Grech, op. cit., 34.

Refalo, kien pront ta l-inkarigu lil tlett neguzjanti mir-Rabat – *trafficanti* tal-bizzilla – biex għal perjodu ta' sitt snin jagħżlu huma l-banda biex takkumpanja l-purcissjoni u r-reffiegħa tal-vara ta' San Ġorġ.[122] Dawn kienu t-*trafficanti* Ġużeppi Grech, Carlo Cassar, u Giovanni Cilia.[123] Dun Ġużepp Mercieca, forsi mingħajr ma nduna, daħal fin-nassa ta' min kellu l-interess iġib il-firda u jaqla' l-inkwiet għax dawk it-tlett neguzjanti bdew ta' kull sena jsejħu lil banda l-ġdida tar-Rabat, dik *La Stella.* U l-banda l-oħra *del Leone* ġiet kompletament mogħtija l-ġenb. Wieħed irid iżomm dejjem quddiem għajnejh dak li semmejna kemm-il darba f'din il-kitba li, f'dawn iż-żminijiet, fir-Rabat kien hemm parroċċa waħda u mhux tnejn. U għalhekk il-festi ta' San Ġorġ u ta' Santa Marija kienu l-festi tal-poplu kollu tar-Rabat. Huwa veru li, kif kienu jgħidu l-antiki, *De mortuis nil nisi bonum dicendum est*, imma ħadd ma jista' jiċħad li bid-deċiżjoni kien ħa dakinhar Dun Ġużepp Mercieca ġab firda kbira fir-Rabat u ta bidu għall-pika parrokkjali kif nafuha illum.

Nhar il-11 ta' Frar 1889, Mons. Pietru Pace ġie trasferit minn Isqof ta' Għawdex għal dak ta' Malta.[124] U l-Agostinjan Mons. Giovanni Marija Camilleri (1843–1924) ġie magħżul minfloku bħala l-Isqof ta' Għawdex.[125] Għamel l-ingress sollenni tiegħu fil-Katidral nhar il-Ħadd 12 ta' Mejju 1889.[126]

Is-sena 1895 hija waħda importanti ħafna għall-ġrajja tagħna. Nhar is-27 ta' Mejju, ftit jiem wara l-festa ta' San Ġorġ ta' dik is-sena, il-president tal-Banda *del Leone*, id-Dot. Paolo Sammut, bagħat rikors lill-Isqof Camilleri dwar is-sehem tal-banda tiegħu fil-festa ta' San Ġorġ. F'dan ir-rikors, il-kumitat tal-Banda *del Leone* ilmenta mill-fatt li, minkejja li l-ftehim li kien għamel il-prokuratur tal-festa ta' San Ġorġ fl-1882 ma dawk it-tlett *trafficanti* kien ilu żmien twil li skada, il-Banda *del Leone* kienet għadha qed tiġi kompletament eskluża mill-festa ta' San Ġorġ. F'dan ir-rikors insibu vers ta' importanza kbira għall-ġrajja tagħna. Is-Sur Tabone fisser lill-Isqof li dak li kien qiegħed jippermetti l-prokuratur tal-festa ta' San Ġorġ, li issa kien Dun Ġużepp Cremona, m'huwiex ġust għaliex "i membri della Società Filarm. Il Leone quanto i loro aderenti **sono cittadini e parrocchiani della Città e Parrocchia Vittoria** quanto e come sono quelli della Stella."[127] Is-sitwazzjoni kompliet titgħarraq meta xi ħadd minn ta' ġewwa fil-knisja ta' San Ġorġ (tgħid kien xi membru tal-kleru?) kien qal b'mod sigriet lil terzi persuni li l-Banda *La Stella* ħadet il-festa ta' San Ġorġ "b'ċens għal mitt sena u wieħed!"[128] Il-kelma ħarġet u l-firda kompliet tikber. M'hemmx dubju li xi tip ta' ċertezza kienet ingħatat lill-Banda *La Stella* li kollox kien ser jibqa' kif kien. Tant hu hekk li fl-1894 din l-istess banda mużikali żanżnet statwa ta' San Ġorġ, maħduma mill-istatwarju Vincenzo Cremona[129], biex tintrama fil-pjazza Tat-Tokk. Interessanti wkoll hu l-fatt li fir-Rabat kien qiegħed isir ħafna tgergir dwar il-fatt li biex jinġabru l-flus biex iddoqq il-Banda *La Stella* fil-purċissjoni ta' San Ġorġ kienu saħansitra qed jiġu sfruttati n-nisa fqar bil-ħidma tal-bizzilla.[130]

Imma dan it-tilwim bejn il-baned ma kienx biżżejjed għax is-sena 1895 intemmet b'iktar inkwiet għall-parroċċa tar-Rabat. Nhar il-5 ta' Diċembru Dun Lawrenz Refalo ressaq talba lill-Kapitlu tal-Katidral, f'isem il-kleru ta' San Ġorġ, li fiha talbu jagħti l-permess tiegħu biex il-kleru ta' San Ġorġ jkun jista' jigi aggregat mal-Ordni tal-Kanonċi Regolari Lateranensi ta' Ruma. Fi kliem ieħor, Dun Lawrenz Refalo kien qiegħed jitlob lill-Kapitlu tal-Katidral jagħti l-*fiat* tiegħu biex il-knisja ta' San Ġorġ tkun tista' issir kolleġġjata.[131] Ftit jiem wara, nhar id-19 ta' Diċembru, il-Kapitlu tal-Katidral għamel il-kolletta tiegħu. Matulha l-membri qablu li l-Kapitlu bl-ebda mod ma jista' jagħti l-approvazzjoni tiegħu għat-twaqqif ta' kolleġġjata oħra fir-Rabat.[132] Min-naħa tagħhom xi membri tal-kleru ta' San Ġorġ mhux biss ma stennewx tasal ir-risposta mingħand il-Kapitlu tal-Katidral, imma fetħu mill-ewwel it-trattativi mal-Abbati Ġenerali tal-Kapitlu Regolari Lateranensi għat-twaqqif ta' dan il-kapitlu. Dan l-Abbati, li jew għax kien ġie mogħti informazzjoni żbaljata minn min kien interessat jew inkella għax dwar Għawdex kien jaf ftit jew forsi xejn, ma sab l-ebda diffikultà biex jilqa' t-talba tal-kleru ta' San Ġorġ. L-Isqof Camilleri, aktarx iggwidat ħażin minn xi ħadd minn wara l-kwinti, ta wkoll il-kunsens tiegħu.[133] Imma l-Kapitlu tal-Katidral, li dak iż-żmien kien magħmul

122 *Att notarili*, 20/4/1882, tan-nutar O. G. Refalo. (Ħajr lil J. Farrugia li għaddieli kopja ta' dan il-kuntratt.)

123 Ibid.

124 Ara l-fuljett *Ricordo dell Feste fatte al Gozo il Di' 25 Maggio 1911 in onore di Sua Eccellenza Reverendissima Mons: Pietro Pace D.D. Arcivescovo Vescovo di Malta. Commemorandosi il Suo Ottantesimo Compeanno.*

125 *Acta Apostolica Sedis*, 21 (1889), 389; 393.

126 "Solenne Ingresso di Mons. Giovanni Camilleri Agostiniano nella sua Diocesi di Gozo (Malta)" in *L'Eco di S. Agostino*, 6/7/1889, 164.

127 A.E.G., Rikors li A. Tabone bagħat lill-Isqof ta' Għawdex Mons. Giovanni M. Camilleri, 27/5/1895 in *Recursus*, vol. 34, f. 31.

128 Ibid.

129 *Malta Tagħna*, 17/11/1894.

130 A.E.G., Rikors li A. Tabone bagħat lill-Isqof ta' Għawdex Mons. Giovanni M. Camilleri.

131 A.C.G., *Atti Capitolari*, 9/12/1895.

132 Ibid., 19/12/1895.

133 Sacra Romana Rota, *Decisio in Causa Gaudisien. Unionis et Administrationis*, 4-5.

minn persuni tal-affari tagħhom, li tassew iħobbu lill-Katidral, u li ma jbatux bir-rispett uman, baqa' jopponi bil-kbir: "tenacemente si opose alle istanze del Clero di S. Giorgio sostenendo, che non poteva farsi la proposta istituzione senza il consenso dello stesso Capitolo...".[134] Ta' min jgħid hawn li fost dawk li bdew jgħinu lill-Kapitlu tal-Katidral f'din il-kwistjoni kien hemm l-avukat Giuseppe Cremona (1864-1935), li wara sar ukoll imħallef.

Dawn iż-żewġ ġrajjiet li seħħew fl-1895 nistgħu ngħidu li kienu l-bidu tat-tmiem tal-Unjoni li waqqaf l-Isqof Cocco Palmeri fl-1688. U kien f'dan il-kuntest storiku li waslet minn Ruma l-istatwa sabieħa ta' Santa Marija ta' Għawdex, bħal kewkba fiddiena tiddi f'sema' mudlam u ikrah għall-parroċċa tar-Rabat.

***Meta Alla jrid, jiftaħ qrib, la taf mnejn u lanqas kif...***

… kienu jgħidu l-antiki! U, tabilħaqq, hekk ġara fil-każ ta din il-ġrajja tagħna. Għax Alla l-Imbierek, fil-providenza tiegħu, fetaħ bieb importanti biex tissewwa l-inġustizzja li kienet qed issir mal-membri tal-Banda *del Leone.* F'ittra bid-data tas-17 ta' April 1896 mibgħuta lis-Segretarju Ewlieni tal-Gvern Sir Gerald Strickland dwar il-festa ta' San Ġorġ ta' dik is-sena, is-Supretendent tal-Pulizija Clement La Primaudaye kiteb ċar u tond li "the band of the 'Stella' has the patronage of the procurator".[135] Wieħed qatt ma' għandu jinsa li l-prokuratur suppost kellu jqis lill-parruccani kollha tar-Rabat bl-istess mod anke għaliex il-poplu kollu tar-Rabat kienet qiegħed jikkontribwixxi biex issir il-festa! Għall-festa ta' San Ġorġ ta' dik is-sena, l-Isqof Camilleri kien dehrlu li għandu jitħassar kemm il-marċ li kellha tagħmel il-Banda *del Leone* kif ukoll is-sehem tal-Banda *La Stella* waqt il-purċissjoni bil-vara ta' San Ġorġ.[136] Fil-fatt, fil-folju *Id-Devot ta' Marija* ta' Gunju 1896 naqraw li ż-żewġ baned ħadu sehem fil-festa ta' San Ġorġ ta' dik is-sena imma l-Isqof kien ipprojbixxa s-sehem tal-banda fil-purċissjoni biex din issir iktar devota. Madanakollu l-purċissjoni ta' dik is-sena baqgħet ġewwa minħabba l-maltemp.[137]

Aktarx li dritt wara l-festa ta' San Ġorġ tal-1896, l-Isqof Giovanni Marija Camilleri ippropona li l-Banda *del Leone* tiġi mogħtija l-inkarigu esklussiv li torganizza hi l-festi esterni tal-Għid tal-Assunta. Ma din il-proposta l-Isqof Camilleri kien għamel ukoll il-kundizzjoni li l-kumitat tal-Banda *La Stella*

134 Ibid., 5.
135 G. A. Grech, op. cit., 60-61.
136 Ibid., 63-64.
137 *Id-Devot ta' Marija,* Ġunju 1896.



L-istatwa ta' Santa Marija li waslet Għawdex minn Ruma fl-1897 b'impenn kbir tal-membri tal-Banda *del Leone*. Hawn l-istatwa tidher imzejna fil-Banca Giuratale fl-1951, ftit snin qabel ma ġiet irregalata lill-Knisja Katidrali ta' Għawdex fl-1956.
*(Arkivju Fotografiku Soċjeta' Fil. Leone, Rabat – Għawdex)*

jibda jistieden ta' kull sena lill-Banda *del Leone* biex tieħu sehem hi wkoll fil-festa ta' San Ġorġ, lejlet jew nhar il-festa.[138] Jista' jkun li l-Isqof għamel din il-kundizzjoni peress li l-Banda *del Leone* ma kienetx tista' takkumpanja l-purċissjoni ta' Santa Marija li f'dawk iż-żminijiet kienet issir filgħodu u mingħajr banda. Għalhekk din il-kundizzjoni kienet intiża biex iġġib iktar ugwaljanza bejn iż-żewġ baned u s-sehem tagħhom fil-festi tal-parroċċa tar-Rabat. Jien naħseb pero' li b'din il-kundizzjoni l-Isqof ried ukoll ifakkar lill-kulħadd, l-iktar lil dawk il-ftit li kienu qed iġibu tant firda fil-parroċċa, li l-knisja ta' San Ġorġ kienet tappartjeni lill-parruċċani kollha tar-Rabat u mhux lil xi grupp partikulari jew iehor. Meta jitkellem dwar dan, l-istoriku Grazio A. Grech jikteb li mhux magħruf jekk din il-kundizzjoni ġietx attwata fil-festa ta' San Ġorġ tas-sena ta' wara. L-Isqof Camilleri ma kienx f'Għawdex meta ġiet iċċelebrata l-festa ta' San Ġorġ fl-1897 għax inzerta kien Ruma. Li nafu hu li waqt il-purċissjoni ta' San Ġorġ tal-1897, li

138 *Malta Tagħna,* 21/5/1898. Ara wkoll G. A. Grech, op. cit., 67.

allura ħarġet mingħajr banda, kien inqala' l-inkwiet bejn il-membri taż-żewġ baned tar-Rabat.[139]

**Kif diġa għidna fuq, il-Banda *del Leone* kienet ilha s-snin tiehu sehem ewlieni fil-festa ta' Santa Marija. U m'hemm l-ebda dubju li l-membri ta' din l-għaqda mużikali kienu rabtu qalbhom wisq ma' din il-festa patronali ta' Għawdex li sa minn tmiem is-seklu erbatax kienet diġa ikkunsidrata bħala l-festa ewlenija tal-gżira.[140] Kien propju għalhekk li l-Isqof Camilleri iddeċieda li jagħti d-dritt esklussiv lil din l-għaqda mużikali biex tkun hi li torganizza waħedha l-festa esterna ta' Santa Marija.**

### Tasal l-Istatwa ta' Santa Marija minn Ruma

Id-deċiżjoni li ħa l-Isqof ta' Għawdex Mons. Giovanni Marija Camilleri fl-1896 wasslet lill-kumitat tal-Banda *del Leone* jieħu deċiżjoni oħra xejn inqas importanti minn dik tal-Isqof: dik li l-għaqda mużikali jkollha statwa ta' Santa Marija biex tkompli tkabbar id-devozzjoni lejn il-Madonna u s-sollennita' ta' din il-festa ewlenija u titulari tal-Katidral. Fl-1896, bit-tħabrik tas-Sur Paolo Pisani, il-kumitat tal-Banda *del Leone*, dakinhar immexxi mill-president l-Onor Dott. Paolo Sammut, beda jiġbor il-fondi meħtieġa biex din il-ħolma issir realta'. F'dokument importanti ippublikat mill-istoriku Grazio A. Grech, insibu l-ismijiet ta' bosta minn dawk li ikkontribwew b'offerti ġenerużi biex tkun tista' issir din l-istatwa. F'dan id-dokument naqraw ukoll li din l-istatwa ma kienetx ser issir biss biex tintrama' fil-*Piazza Reale* (il-pjazza Tat-Tokk) fil-jiem ta' Santa Marija imma wkoll għal **"altre circostanze"**.[141] X'kienu dawn l-"altre circostanze" li jitkellem minnhom dan id-dokument? Il-pro-ziju tiegħi s-Sur Anton Theuma (1909-2001), devot kbir ta' Santa Marija u ammiratur akkanit tal-Banda *del Leone*, kien dejjem jgħidli li sa mill-bidu nett ix-xewqa tal-membri tal-Banda ta' Ljun kienet dik jtellgħu l-istatwa ta' Santa Marija fil-Katidral. Mhux darba jew tnejn qalli, "Dik għalhekk ġabuha minn Ruma, biex ipoġġuha l-Katidral!" Kien dejjem jgħidli wkoll li fil-jiem tal-festa tal-Assunta kont tisma' ħafna kummenti fost il-membri tas-Soċjetà Mużikali *del Leone* bħal, "Meta ser intellgħu lil Santa Marija l-Kattidral?" u "Dik l-istatwa hemm postha, fil-Katidral!" U dan ferm qabel is-snin ħamsin tas-seklu l-ieħor, meta din ix-xewqa saret realtà. Mela allura mhux ħaġa kbira li min kiteb il-frażi "altre circostanze" f'dan id-dokument kellu f'moħħu wkoll x-xewqa li din l-istatwa xi darba issib postha fil-knisja Katidrali ta' Għawdex, kif fil-fatt kellu jseħħ sittin sena wara, fl-1956.

Intant, mal-membri tal-Banda *del Leone* ingħaqdu bosta oħrajn, fosthom numru sabiħ ta' membri tal-Kapitlu tal-Katidral u tal-kleru tar-Rabat, u kulħadd ta mill-aħjar li seta' biex il-ħolma tal-kumitat ta' Ljun issir realta'. U għaliex riedu l-isbaħ u l-aħjar, iddeċidew li jġibu statwa ta' Santa Marija minn barra, preċiżament minn Ruma. L-għażla waqgħet fuq id-ditta *Arte Sacra – Societa' Anonima Francesco Rosa* li kellha l-istudju tagħha fil-*Via del Crocifisso* ġewwa Ruma.[142] Jingħad li meta ġie biex jordna din l-istatwa, l-kumitat kien ħa l-parir tal-avukat Giuseppe Cremona li ta' sikwit kien ikun Ruma peress li, kif diġa semmejt fuq, kien qiegħed jgħin lill-Kapitlu tal-Katidral fil-kwistjoni tat-twaqqif tat-tieni kolleġġjata fir-Rabat. Kien l-avukat Cremona li qalilhom li ra statwa mill-isbaħ tal-Assunzjoni tal-Madonna għand *Francesco Rosa.* Peress li kienu jaf li l-avukat Cremona kien bniedem ta' dehen u ta' kultura artistika kbira, il-kumitat għazel li jimxi fuq il-parir tiegħu u malajr akkwista dik l-istatwa.[143]

L-istatwa ta' Santa Marija waslet Għawdex lejn tmiem Lulju tal-1897. Il-kaxxa bl-istatwa fiha twasslet sas-Salib tat-Tiġrija u s-Sur Spiru Vella, li kien bandist mal-Banda *del Leone* u mastrudaxxa prim, beda jiftaħha bil-mod il-mod. Kien hu l-ewwel wieħed li lemaħ il-wiċċ tal-Madonna. Sat-tmiem ta' ħajtu baqa' jgħid, "L-ewwel darba li rajt wiċċ Santa Marija, ħassejt dehxa ma' ġismi kollu... ħsibtu wiċċ ta' mara vera!"[144] Bil-mod il-mod l-istatwa inħarġet mill-kaxxa li kienet fiha u l-għadd kbir ta' nies li kienu miġbura madwarha f'Salib it-Tiġrija baqgħu miblugħa bis-sbuħija straordinarja tagħha.

Kien l-Isqof Camilleri inniffsu li bierek 'l din l-istatwa ta' Santa Marija nhar it-13 ta' Awwissu ta' dik l-istess sena, it-tielet jum tat-tridu u l-anti-viġili tal-Għid tal-Assunta. Dik is-sena kien inzerta li kien il-jum tal-Ġimgħa. It-tberik tagħha sar fil-knisja ta' San Ġakbu fit-Tokk, filjali tal-Katidral. Il-folju *Id-Devot ta' Marija* ma naqasx milli jirraporta l-miġja ta' din l-istatwa u ż-żanżin tagħha fil-jiem tal-festa. Lanqas ma naqas milli jsemmi li din l-istatwa waslet Għawdex b'impenn kbir mill-kumitat tal-kumitat ta'

139 G. A. Grech, op. cit., 67-68. Ara wkoll *Programm Festa San Ġorġ*, 2003, 55.

140 S. Fiorini (ed.), *D.S.M.H. Part II, No. 1. Documents in the State Archives, Palermo*, Malta 1999, Doc. no. 207.

141 G. A. Grech, op. cit., 69.

142 Noti miġbura minni fl-1996 minn diversi dokumenti mizmuma fl-Arkivju tas-soċjeta' Fil. "Leone" ta' Għawdex.

143 Noti miġbura minni fl-1996 minn fomm diversi parruċċani anzjani tal-Katidral u membri tas-soċjeta' Fil. Leone, fosthom is-Sinjuri Mikielanġ (Nene') Saliba, Anton Theuma u l-ispiżjar Wiġi Abela.

144 Ibid. Tagħrif ieħor mogħti lil minn Mons. Gużeppi Gauci, ex Sagristan Maġġur tal-Katidral u l-Kan. John Meilak, nepputi tiegħu.

Ljun.[145] Għal dik is-sena, l-istatwa iżżejnet fil-pjazza Tat-Tokk fuq pedistall. Ftit snin wara, imbagħad, fil-bidu tas-seklu għoxrin, l-istess Għaqda Mużikali *del Leone* żanżnet pedistall artistiku, aktarx fuq disinn ta' Mons. Guzeppi Farrugia (Tal-Vers), biex fuqu titqiegħed l-istatwa tul il-jiem tal-Għid tal-Assunta. Fl-1913 l-istatwarju Għawdxi Wistin Camilleri żejnu bl-istatwi tal-Profeti u anġli zagħar fl-erba' kantunieri tiegħu.[146]

**Il-Kwistjoni tal-"Kanonċi Lateranensi"**

Wara li solva l-problema tal-festi tar-Rabat, l-Isqof Mons. Giovanni Marija Camilleri kien fadallu quddiemu dik marbuta mat-twaqqif tat-tieni kolleġġjata fir-Rabat fil-knisja ta' San Ġorġ. Għall-Isqof Camilleri din il-kwistjoni kienet iktar skabruża għax hu stess kien diġa ikkomprometta wisq ruħu.

Biex tinstab is-soluzzjoni, il-kwistjoni ta' bejn il-kleru ta' San Ġorġ u l-Kapitlu tal-Katidral ġiet sottomessa quddiem il-Kurja Veskovili u żewġ delegati tal-Isqof iddiskutew il-kawża. U għal darb'oħra l-Isqof ċaħad l-oppożizzjoni li kien qiegħed jagħmel il-Kapitlu tal-Katidral.[147] Anzi, nhar it-13 ta' Novembru 1901, ħareġ digriet li fih stqarr li m'hemm xejn li jista' jfixkel it-twaqqif tal-kolleġġjata f'San Ġorġ u ta l-kunsens tiegħu biex din titwaqqaf: "E pertanto prestiamo il Nostro consenso a che si compia l'erezione di che nel ricorso."[148] Il-Kapitlu tal-Katidral mill-ġdid oppona bil-qawwa għal dan kollu u ressaq il-kawza quddiem is-Sagra Kongregazzjoni tal-Konċilju, ġewwa Ruma. L-argument tal-Kapitlu kien li l-għaqda li biha l-Isqof Cocco Palmeri kien rabat lill-knisja ta' San Ġorġ mal-Matriċi, Kolleġġjata, u Katidrali ta' Santa Marija kienet waħda *minus principaliter* u għalhekk il-kunsens tal-Kapitlu kien meħtieg biex titwaqqaf il-kolleġġjata f'din il-knisja. Il-kleru ta' San Ġorġ, pero', kien qiegħed jisħaq li l-għaqda kienet waħda *aeque principalis.*[149] Għalhekk quddiem is-Sagra Kongregazzjoni tal-Konċilju f'Ruma tressqu dawn iż-żewġ domandi:

1. Jekk l-għaqda ta' San Ġorġ mal-Katidral kienetx *aeque principalis* (jiġifieri, fuq bażi ugwali) jew *minus principalis* (jiġifieri, għaqda suġġettiva).
2. X'saħħa kellu d-digriet tal-Isqof Camilleri tat-13 ta' Novembru 1901.[150]

Għal dawn iż-żewġ domandi, is-Sagra Kongregazzjoni tal-Konċilju wieġbet nhar id-29 ta' Lulju 1905 b'risposta qasira, ċara, u preċiża. Ruma dehrilha li, meta wieħed iqis kollox, ma kienx hemm lok għat-twaqqif ta' Kapitlu Regolari Lateranensi fil-knisja ta' San Ġorġ.[151]

Imma l-kwistjoni hawn Għawdex baqgħet sejra u l-kleru ta' San Ġorġ "chiese il beneficio della nuova udienza (si appello')" u talab lill-Kongregazzjoni tiddeċiedi jekk l-għaqda ta' San Ġorġ mal-Katidral kienetx *aeque* jew *minus principaliter.* Nhar it-23 ta' Awwissu 1905, is-Sagra Kongregazzjoni tal-Koncilju ħarget reskritt ieħor li fih stqarret li mhix ser twieġeb għal din id-domanda u ordnat lill-partijiet konċernati f'din il-kwistjoni biex joqgħodu kwieti. Talbet ukoll lill-Isqof biex iwiddeb kif għandu jkun lil dawk li kienu qiegħdin jaqilgħu l-inkwiet fil-parroċċa tar-Rabat, imqar jekk dawn kienu saċerdoti: "si notifichi al Vescovo, il quale su tal cosa secondo l'opportunità e **gravemente ammonisca i suoi sacerdoti** perche' si astengono da simili contese."[152] Dan il-kumment bħal donnu juri li Ruma kellha l-impressjoni li s-sitwazzjoni kienet ħarbet minn idejn l-Isqof. U ma kienetx żbaljata. Tant hu hekk li din it-tieni risposta ġiet injorata u l-kwistjoni f'Għawdex baqgħet għaddejja qisu Ruma qatt ma kienet qalet xejn. Kien għalhekk li nhar id-19 ta' Novembru 1908, biex tinstab soluzzjoni u tintemm darba għal dejjem din il-kwistjoni, "per ordine espresso del Sommo Pontefice" is-Sacra Romana Rota ġiet mitluba tagħti risposta għal dawn iż-żewġ *dubia*:

1. Jekk l-għaqda li kien hemm bejn il-knisja ta' San Ġorġ u l-Katidral kienetx *aeque principalis* jew *minus principalis.*
2. Min kellu d-dritt li jamministra l-knisja ta' San Ġorġ.[153]

Wara li studjat sewwa s-sitwazzjoni u stħarrġet fil-fond il-kwistjoni, is-Sacra Romana Rota tat ir-risposta tagħha nhar l-10 ta' Jannar 1910. Din ir-risposta kienet bħal doċċa kiesħa fuq dawk li kienu ilhom sa minn tmiem is-seklu dsatax jaqilgħu l-inkwiet fil-parroċċa tar-Rabat, l-ewwel bil-kwistjoni tal-festi imbagħad b'din tal-kolleġġjata. Għall-ewwel domanda, is-Sacra Romana Rota wieġbet ċar u tond li l-għaqda ta' San Ġorġ mal-Katidral kienet waħda *minus principalis*, "ossia soggettiva". Għat-tieni domanda, l-istess qorti tal-Knisja stqarr li l-amministrazzjoni tal-knisja ta' San Ġorġ ma tmissx biss lill-Isqof imma wkoll lill-

145 *Id-Devot ta' Marija*, Awissu 1897.
146 *Il Messaggiere di Maria*, Settembru 1913.
147 Sacra Romana Rota, *Decisio in Causa Gaudisien. Unionis et Administrationis*, 5.
148 Ibid.
149 Ibid.
150 Ibid., 6.

151 Ibid.
152 Ibid.
153 Ibid.


SACRA ROMANA ROTA

CORAM

Rmo. P. D. FRANCISCO HEINER, Ponente

DECISIO

IN

GAUDISIEN.

UNIONIS ET ADMINISTRATIONIS

Is-sentenza *Unionis et Administrationis* tas-Sacra Romana Rota tal-10 ta' Jannar 1910 rigward l-Unjoni tal-knisja ta' San Ġorġ mal-Matriċi, Kolleġġjata Insinji, u Katidrali ta' Santa Marija.

Arċipriet tal-Katidral.[154] U b'dawn il-kelmiet tas-Sacra Romana Rota ġiet b'xi mod solvuta t-tieni kwistjoni li kienet ħolqot mill-ġdid tant inkwiet u firda bla bżonn fil-parroċċa tar-Rabat.

**Għeluq**

Il-veskovat f'Għawdex ta' Mons. Giovanni Marija Camilleri intemm nhar il-20 ta' Jannar 1924, meta s-Sagra Kongregazzjoni tal-Koncilju laqgħet it-talba tiegħu tar-riżenja minn isqof. Hu tħalla temporanjament bħala Amministratur Appostoliku ta' Għawdex.[155] Ta' min jgħid li Mons. Isqof Camilleri ma temmx il-veskovat tiegħu fuq nota tajba mal-Kapitlu tal-Katidral. U lanqas kien irnexxielu jrażżan lil dawk l-individwi li kienu baqgħu jaqilgħu l-problemi minn żmien għal żmien fil-parroċċa tar-Rabat. Nhar id-9 ta' Ġunju 1924, il-Kapitlu tal-Katidral ġie mgħarraf li Ruma kienet għażlet lil Mons. Mikiel Gonzi (1885-1984) biex ikun l-Isqof il-ġdid ta' Għawdex.[156] Il-Bolla Pontifiċja tal-ħatra ta' Mons. Gonzi iġġib id-data tat-13 ta' Ġunju 1924.[157]

Is-sitwazzjoni parrokkjali li l-Isqof Gonzi sab ġewwa r-Rabat ma kinetx waħda faċli. Imma ma' Mons. Gonzi ma kontx tiċċajta. Kien hemm diversi membri tal-kleru li saħansitra ġew mogħtija pieni ekkleżjastiċi minħabba l-involviment tagħhom fil-kwistjonijiet marbuta mal-parroċċa tar-Rabat. U meta darba l-Arċipriet tal-Katidral Mons. Alfons Maria Ħili fettillu jsemmilu din l-Unjoni u qallu li forsi kien wasal iż-żmien li issir xi ħaġa dwarha, l-Isqof Gonzi kien pront dar fuqu u bil-herra qallu, "Mela trid li mmorru t-tnejn l-infern, Fonz!"[158] Diversi kienu wkoll il-lajċi li ġew imrażżna minħabba l-indħil żejjed tagħhom f'dawn il-kwistjonijiet. Min-naħa tagħhom, il-membri tal-Banda *del Leone* baqgħu jorganizzaw bil-kbir il-festi esterni ta' Santa Marija. Imma x-xewqa li l-istatwa għażiża tagħhom tal-Assunta issib postha fil-Katidral baqgħet dejjem f'moħħhom u f'qalbhom.

Mons. Mikiel Gonzi dam iservi bħala Isqof ta' Għawdex sal-14 ta' Ottubru 1943 meta ġie nominat Kuġitur tal-Isqof ta' Malta Mons. Mauro Caruana O.S.B. (1867-1943) bid-dritt tas-suċċessjoni.[159] Il-post ta' Mons. Gonzi ġie mogħti lill-Arċidjaknu tal-Katidral Mons. Giuseppe Pace (1890-1972) li nħatar Isqof ta' Għawdex nhar l-1 ta' Novembru 1944.[160]

Taħt il-veskovat ta' Mons. Pace is-sitwazzjoni fil-parroċċa tar-Rabat (u f'Għawdex kollu in ġenerali) kellha tkun ferm u ferm differenti minn dik ta' żmien Mons. Gonzi. U l-ġurnata mill-bidu nett tagħha turik! Nhar il-31 ta' Diċembru 1943 miet l-Arċipriet tal-Katidral Mons. Alfons Marija Hili. Il-funeral tiegħu sar jumejn wara, nhar it-2 ta' Jannar 1944. Għal dan il-funeral, il-Banda *del Leone* ma ġietx mistiedna. L-istess ġara fil-pussess tal-Arċipriet il-ġdid Mons. Mikiel Cefai, nhar it-30 ta' April 1944.[161] Dawn iż-żewġ ġrajjiet seħħew meta Mons. Giuseppe Pace kien għadu lanqas biss ħa l-pussess bħala Isqof ta' Għawdex.

L-inkwiet fil-parroċċa tar-Rabat issa kien rega' qabad sewwa u mill-ewwel reġgħet bdiet tiżżeffen fin-nofs l-Unjoni tal-knisja ta' San Ġorġ mal-parroċċa tal-Katidral.[162] L-iskandli li seħħew fil-festa ta' San Mikiel fl-1954 u ta' Ġesu'-Marija fl-1955 urew biċ-ċar kemm is-sitwazzjoni fil-parroċċa tar-Rabat kienet sejra b'ħeffa tal-għaġeb mill-ħażin għall-agħar.[163] Biex jipprova jsolvi dan l-inkwiet kollu, l-Isqof Pace dehrlu li għandu jmiss l-Unjoni li kienet tfasslet 267 sena qabel. Mhux magħruf jekk ġietx ikkonsultata Ruma qabel ma' għamel dan. Bosta saċerdoti għorrief u tal-affari tagħhom urewh li ma kienx il-każ li jagħmel dan. Diversi saċerdoti xjuħ minn San Ġorġ stess kienu kompletament kontra din id-deċiżjoni tal-Isqof. Kienu jafu li l-knisja tagħhom kellha biss

154 Ibid., 19.
155 A.C.G., *Atti Capitolari*, 28/3/1924.
156 Ibid., 9/6/1924.
157 *Acta Apostolica Sedis*, Anno 1924, 286.

158 Noti personali.
159 *Acta Apostolica Sedis* 35 (1943), 364.
160 Ibid., 36 (1944), 334.
161 G. A. Grech, 150-151.
162 *Il-Berqa*, 5/8/1954.
163 Ara G. A. Grech, op. cit., 184; u A. Gauci, *Ħwejjeg li Rajna*, I, Malta 1981, 46.



x'tigwadanja minn din l-Unjoni u għamlu minn kollox biex iwaqqfu lil dawk, saċerdoti u mhux, li kienu qed iħeġġu lill-Isqof biex iġibha fit-tmiemha. Biex tagħqad is-sitwazzjoni fil-Kapitlu tal-Katidral kienet ferm differenti minn kif kienet 45 sena qabel, fi żmien tas-sentenza tas-Sacra Romana Rota. U nhar l-1 ta' Awwissu 1955, permezz tad-digriet *Cum Hodiernis Temporibus,* l-Isqof Giuseppe Pace fired mill-ġdid lill-knisja ta' San Ġorġ u waqqafha mill-ġdid parroċċa għal rasha.[164] Dakinhar inħolqot mill-ġdid it-tieni parroċċa tar-Rabat.[165]

Imma, għal darb'oħra, ***meta Alla jrid, jiftaħ qrib, la taf mnejn u lanqas kif...!*** U jekk fi tmiem is-seklu dsatax l-inkwiet fil-parroċċa tar-Rabat wassal biex tinġieb minn Ruma l-istatwa devota ta' Santa Marija, l-istess inkwiet parrokkjali sittin sena wara rega' kien ta' barka għall-parroċċa qadima tal-Katidral. Dan għaliex l-inkwiet li welled lit-tieni parroċċa tar-Rabat fetaħ ukoll it-triq lill-membri tal-Banda *del Leone* biex jaqtgħu l-ikbar xewqa ta' qalbhom: dik li l-istatwa ta' Santa Marija issib postha fil-Katidral. Il-problemi kienu bla għadd u d-diffikultajiet kienu ikbar mis-swar li jdawwru 'l Katidral. Imma bil-għajnuna ta' persuni serji, fosthom diversi saċerdoti qaddisa bħal Patri Samwel Powell OFM Kap. (1918-1994), u bil-barka tal-istess Isqof Giuseppe Pace, l-istatwa ta' Santa Marija iddaħlet għall-ewwel darba fil-Katidral nhar il-Ħadd 29 ta' April 1956.

Dakinhar "**Santa Marija ta' Għawdex**" sabet postha fil-"**Parroċċa ta' Għawdex**".[166] U l-ħajja ta' dik il-parroċċa "omm" u "nanna" inbidlet bħal lejl min-nhar! ! ◆

* * *

**- ERRATA CORRIGE -**

B'referenza għall-artiklu ***Ir-rapport ta' Giliberto Abbate (c.1241) fi ġrajjiet il-Belt u "Il-Parroċċa ta' Għawdex"***, miktub minn Dun Anthony M. Saliba u ippublikat fil-Ktejjeb-Programm **Festa Santa Marija, Ghawdex 2021, pagni 67-83:**

**NOTA TAL-AWTUR:** Meta dan l-artiklu ġie ippublikat fil-Ktejjeb-Programm imsemmi fuq, sar żball fl-editjar finali tiegħu u l-*footnotes* li kien hemm mal-artiklu jew intilfu jew ġew ma jaqblux mat-test. L-artiklu fis-sura oriġinali tiegħu bir-referenzi kollha kif ħarġu mingħand l-Awtur jista' jinqara u jinkiseb minn fuq dan il-link elettroniku:

https://www.um.edu.mt/library/oar/handle/123456789/80082

---

164 A.E.G., Digriet *Cum Hodiernis Temporibus* ta' Mons. Isqof Giuseppe Pace bid-data 1/8/1955.

165 *Lucerna*, 6 (Nov-Dic 1955, anno III), 118.

166 *D.S.M.H. Part IV, Visita Apostolica no. 5, Mgr Petrus Dusina,* 228.